

31

# MADONNA TA' PINU

# MADONNA TA' PINU

perjodiku ta' kull xahrejn

Il-fehmiet li jistqarru l-kittieba m'humiex neċessarjament dawk tal-Bord Editorjali.

*Kull korrispondenza għandha tkun indirizzata hekk:*

L-Editur,
"Madonna ta' Pinu",
Ċentru Kulturali Marjan,
Ta' Pinu, Għawdex.
Numru tat-Telefon: 556187.

**Abbonament għal sena:**

Lokali: 75ċ.
Sostenitur: Lm1.

Barra minn Malta: Lm1
Sostenitur: Lm2.


**INTENZJONI TA' DIN IL-ĦARĠA**

Biex fil-Milied li riesaq, Kristu s-Sultan tal-Paċi, iġib is-sliem lill-bnedmin u lin-nazzjonijiet li b'rieda tajba matul din is-sena ddedikata għall-Paċi, ħabirku bla heda għaliha.


*"Gozo Press", Tel. 551534.*

VOL. II — SENA VII — NRU. 31

**NOVEMBRU — DIĊEMBRU 1986**



| | | |
|---|---|---|
| * | Il-Kelma tar-Rettur | 389 |
| * | Innoloġija Marjana | 390 |
| * | Santwarji Marjani f'Għawdex | 392 |
| * | Patri Ġlormu minn Forlì, l-Italja | 394 |
| * | Marija u t-Tfulija ta' Ġesù | 397 |
| * | L-Immakulata fil-Liturġija | 398 |
| * | A Time To Receive | 400 |
| * | Is-Santwarji fil-Kodiċi l-Ġdid tad-Dritt Kanoniku | 402 |
| * | 140 Sena mid-Dehriet tal-Madonna ta' La Salette | 405 |
| * | Il-Mara tat-Tnax-il Kewkba | 406 |
| * | Mill-Ħajja tas-Santwarju | 409 |
| * | Grazzi Madonna Għax Smajtni | 411 |


**STAMPA TAL-QOXRA:**

L-istampa tal-Qoxra turi l-Kwadru Mirakuluż li minnu l-Madonna Ta' Pinu kellmet lit-twajba Karmela Grima fit-22 ta' Ġunju, 1883. Dan il-kwadru, xogħol il-pittur Amadeo Perugino, tpitter fis-sena 1619. Din ix-xbieha tal-Madonna ġiet inkurunata mill-Kardinal Alessio Lepicier fl-1935.



# Il-Kelma tar-Rettur

*"Kull mibdi mitmum" ighid il Malti; kull ħaġa materjali trid tispiċċa. Din hija regula mingħajr eċċezzjoni. Tista' tkun l-aktar ġebla żonqrija, l-aktar azzar qawwi, l-aktar ċomb jew ram fin, l-aktar bniedem għaref u b'saħħtu, l-ikbar ħakkiem tad-dinja, għal kollox jasal jum li għalih ikun l-aħħar. Anke għall-istess dinja li ngħixu fuqha.*

*Iżda hemm ħaġa li tibqa' u ma tispiċċax: din hija r-ruħ tal-bniedem u dan għaliex hija parti minn Alla nnifsu u maħluqa biex wara din il-ħajja tmur tgawdih għal dejjem, naturalment jekk tgħix ħajja kif jitlob minnha Alla. Dan huwa ħsieb li lill-bniedem li jemmen fil-Mulej jimlih bit-tama u s-sabar quddiem tant għawġ u t-tbatijiet tad-dinja u d-dehra kerha tal-mewt.*

*Il-bniedem li bil-magħmudija, sew jekk tal-ilma, sew jekk tax-xewqa, jilbes il-libsa tal-grazzja mhux dejjem jasal biex iħarisha fis-sbuħija tagħha. Ta' bniedem dgħajjef li huwa ħaġa faċli jħammiġha bid-dnub u mhux dejjem ikollu żmien biex jerġa' jnaddafha qabel ma jaħtfu l-minġel tal-mewt. Għalhekk il-Mulej fil-ġustizzja u l-imħabba bla qies tiegħu barra mill-ġenna għat-tajbin u l-infern għall-ħżiena ħaseb ukoll għal post ta' tisfija, fejn il-bniedem ta' rieda tajba li ma jkunx laħaq issaffa mill-ħtija, ikun jista' jitnaddaf qabel ma jidħol għall-glorja li jkun immerita. Minn hawn nibet il-ħsieb tas-suffraġju ta' dawk l-erwieħ li ma jkunux indaf biżżejjed biex jidħlu quddiem Alla, ħsieb li jmur lura eluf ta' snin kif jixhed il-Ktieb tal-Makkabej li fih insibu kif Ġuda ġabar il-flus biex jibgħathom fit-tempju ħalli jsir talb għal dawk li mietu fit-taqbida. Anke fil-ħajja ta' Santa Monica nsibu li hija talbet lil binha Santu Wistin biex meta tmut, jitlob għaliha fil-quddies. Mal-medda tas-snin din l-idea kompliet tikber sa ma l-Knisja waqqfet jum li nsejħulu "L-Għid ta' l-Imwiet", jum li fih il-knisja trid li aħna nitolbu aktar mis-soltu għall-erwieħ tal-mejtin tagħna kollha. Kultant niltaqgħu ma' xi wħud li jew għax ma jemmnux f'Alla jew għax fil-ħajja tagħhom ma jaħsbux ħlief f'dak li hu materjali jew għax iridu jifgaw fihom il-ħsieb li wara din il-ħajja hemm ħajja oħra ta' tgawdija jew ta' tbatija, ħalli jkunu jistgħu jgħixu kif jagħtihom moħħhom, jiċħdu l-eżistenza ta' l-erwieħ fil-bżonn tas-suffraġju.*

*Imma jingħad x'jingħad biex joħnoq l-eżistenza tal-ħajja tat-tisfija, il-bniedem għaqli ma jonqosx li jlissen it-talb tiegħu. Għaliex it-talb stess huwa faraġ għalih u anke ċertezza li huwa jkun jieħu sehem mid-destin etern ta' dawk li ħallew qablu dan il-wied tad-dmugħ, forsi ġenituri, ħutu, uliedu, qrabatu, ħbiebu, talin li għamlulu l-ġid mingħajr lanqas biss jaf, forsi erwieħ li ma għandhom lil ħadd min jiftakar fihom, meta s-suffraġju jsir mezz li bih tittħaffef il-laqgħa tagħhom ma' Alla.*

*L-antiki tagħna kienu jgħidu li fl-Għid tal-Erwieħ, l-Erwieħ tal-Purgatorju jifirxu s-srievet biex jilqgħu fuqhom it-talb li jsirilhom mill-bnedmin tad-dinja. Jalla aħna wkoll insibu min jimla bit-talb is-srievet tagħna kif inkunu għamilna aħna ma' ta' qabilna, jekk wara mewtna jkollna x-xorti li bil-għajnuna ta' l-Omm tagħna Marija nidħlu f'dan il-post imqaddes.*

# INNOLOĠIJA MARJANA

Mill-
Eċċ. T. Mons.
Isqof N. Cauchi

## (11) INNOLOĠI BENEDITTINI

Il-Benedittini ġew imwaqqfin f'Monte Cassino minn San Beneditt ta' Nursia jew Norcia (c. 529). Dawn il-patrijiet ħadmu ħafna bħala missjunarji, speċjalment fil-konverżjoni tar-razez ġermaniċi u fiċ-ċivilizzazzjoni tal-Ewropa ta' Fuq. Fid-disa' seklu, ħafna monasteri tar-rħieb benedittini ġew meqruda fl-invażjoni tal-barbari; iżda perjodu ġdid beda għall-ordni benedittin, meta twaqqfet l-Abbazija famuża ta' Cluny fis-sena 910. Mill-Ordni benedittin, fil-bidu tat-tieni millennju, ħarġu frieghi oħra, bħal ma huma l-Kamaldolesi (1009), il-Vallombrożani (1039), iċ-Ċisterċensi (1098), mibdijin f'Citeaux, fil-Burgundja, minn San Robertu, Abbati ta' Molesme, is-Silvestrini (1231) u l-Olivetani (1319).

Wieħed mill-monasteri famużi tal-benedittini kien dak li twaqqaf fis-sena 724 minn San Pirminius, fuq il-gżira żgħira ta' Reichenau ħdejn ix-xatt tal-punent tal-għadira Kostanza. Dan il-monasteru kien ċentru importanti ta' kultura fil-Medju Evu bikri, wisq qabel ma kiseb il-fama tiegħu, il-monasteru l-ieħor ta' San Gallo, li nbena aktar tard qrib tiegħu. Il-kollezzjoni ta' manuskritti tal-kunvent ta' Reichenau, li ġiet ittrasportata f'Karlsruhe (Ġermanja) fl-1805, diġà kienet teżisti fl-ewwel parti tas-seklu disgħa. Fost il-patrijiet benedittini li kienu jgħixu f'dan il-monasteru, ta' min isemmi lil Walafridu Strabo, Hatto, Arċisqof ta' Mainz, u Ermanno Contratto.

Kien hemm benedittini mogħtija għall-istudju u li għamlu isem fil-qasam tal-letteratura ta' dak iż-żmien, mhux biss fid-dar ta' Reichenau iżda wkoll fil-monasteri l-oħra ta' l-istess ordni, imxerrdin f'diversi nħawi tal-Ingilterra, Franza, il-Ġermanja u l-Italja.

### Rabanus Maurus (c. 784 - 856)

Kien patri benedittin li twieled f'Mainz u ġie edukat fil-belt ta' Fulda fil-Germanja, minn Haimon ta' Halberstadt u iktar tard mar fil-belt ta' Tours fi Franza u kien igħallmu Alkwinu. Rabanus laħaq abbati ta' Fulda fis-sena 842 u Arċisqof ta' Mainz fit-847. In-nies ta' żmienu kienu jirrispettawh għall-għerf tiegħu, hekk li sejħulu "**Praecepter Germaniae**", (Is-surmast tal-Ġermanja). Kiteb trattat enċiklopediku, "De Universo", trattat filosofiku, "De anima" u ieħor pedagoġiku, "De institutione clericorum". Ħallielna wkoll kummentarju fuq il-Vanġelu ta' San Mattew, l-omeliji kif ukoll xi innijiet u poeżiji. L-innu "Veni Creator" minn xi studjużi huwa attribwit lilu. (Monumenta Germaniae Historica: Poetae Lat. 2). Għad li Rabanus huwa nieqes mill-oriġinalità, iżda kellu erudizzjoni kbira.

Rabanus itenni l-prinċipji tal-Marjoloġija kattolika dwar il-maternità divina, il-verġinità tal-Madonna, is-sehem tagħha fis-salvazzjoni tal-bnedmin, ir relazzjoni tagħha mal-knisja, bħal xempju tal-insara u l-interċessjoni qawwija tagħha.

Biex ifisser is-setgħa ta' Marija bħala Sultana, Rabanus igħidlha dan il-kliem: "Inti ġejt mgħollija fuq il-kori tal-anġli, ja Omm hienja, bħala Sultana, inti ssaltan għal dejjem, Reġina tas-sema, Padruna tal-Anġli. (Homilia 29, P.L. 110, 55).

### Walafrid Strabo (c. 808 - 849)

Strabo ġie edukat fil-monasteru ta' Reichenau u mbagħad għadda għal dak ta' Fulda fejn kellu bħala surmast tiegħu lil Rabanus Maurus u fejn iktar tard għamel il-wegħdiet tiegħu bħala patri benedittin. Laħaq abbati ta' Reichenau fis-sena 838, iżda kellu jaħrab lejn Speyer, meta Karlu l-Qargħi laħaq sultan, fis-sena 840, billi Strabo ma kienx iżomm miegħu iżda mar-rival tiegħu Lothair. Irritorna lejn il-monasteru ta' Reichenau fis-sena 842.



**Dehra ta' parti mill-Abbazija Benedittina ta' Montecassino**

Strabo kellu ħafna xogħlijiet kemm ta' proża kif ukoll ta' poeżija, anke fuq suġġetti profani. Kiteb dwar l-arkeoloġija u l-Liturġija. Fost il-poeżiji tiegħu hemm il-ħajjiet ta' għadd ta' qaddisin, kif ukoll xi versi fuq il-Madonna. Dwar is-sehem tagħha fl-opra tal-Fidwa, huwa jitkellem fl-omelija fuq il-bidu tal-Evanġelju ta' San Mattew.

Warafrid Strabo, fil-poeżija tiegħu dwar l-Assunzjoni ta' Sidtna Marija, ifisser tamietu li Binha Ġesù, "bil-għajnuna tat-talb tagħha", iwassalna għall-mistrieħ li hija qegħda tgawdi. (Monumenta Germaniae Historica. Poet. Lati. 2,366). Hija attribwita lilu poeżija żgħira u ħelwa li tfakkarna fis-Salve Regina: "Hares minn kullimkien, bil-għajnuna tiegħek lil dawk li jgħajtulek bid-dmugħ u b'leħen għoli jsejħulek". (P.L. 114, 1090).

Lil Marija, Strabo jsejħilha Sultana u Padruna (Domina) għaliex hija dik li "permezz tagħha, ħadna d-dawl tal-fidi u tal-grazzja divina u hekk aħna mmexxijin lejn id-dehra tal-għaġeb t'Alla li jista' kollox." (P.L. 114, 859 c).

Fil-poeżija "De Cultura Hortorum" ifaħħar il-maternità verġinali ta' Marija u jagħtiha t-titli sbieħ ta' "għarusa, ħamiema, sultana tad-dar, ħabiba fidila, fjura li toħroġ miz-zokk ta' Gesse, ir-razza tas-slaten." Il-poeżija ta' Strabo mhix nieqsa mill-ħlewwa u t-teoloġija li jgħallem ma titbiegħedx mill-messaġġ tal-Bibbja.

**Ermanno Contratto (1013 - 1054)**

Kien storiku u poeta u ġie mlaqqam "concractus", peress li kellu riġlu paralizzat u kien jimxi bit-tbatija. Irċieva l-edukazzjoni tiegħu fl-abbazija ta' Reichenau, fejn sar patri benedittin f'żogħżitu.

Għad li kien magħfus bil-mard, Ermanno ħaddem it-talenti tal-intelliġenza tiegħu u kiteb dwar suġġetti varji bħal ma huma l-matematika, l-astronomija, il-kronografija jew l-istorja. Il-kitbiet tiegħu li kienu ġew stampati fil-Patroloġija Latina ta' J.P. MIGNÈ (CXLIII, 9, 458) jinkludu fost l-oħrajn poeżija didattika, "De octo vitiis principalibus".

Xi studjużi jaħsbu li Ermanno kien l-awtur tas-Salve Regina u tal-"Alma Redemptoris Mater". Michael O'Carroll C.S.Sp. fit-Theotokos (paġ. 169) igħid li ma jidhirx li huwa possibbli li tinnega li s-sekwenza "Ave praeclara Maria Stella" ġiet miktuba minn Ermanno. Iżda J.M. Canal C.M.F. ("Hermannus Contractus ejusque Mariana Carmina" in "Sacris Erudiri" 10/1958, 170-185) jiċħad l-awtentiċità tal-kitbiet kollha marjani li ġew attribwiti lil Ermanno.

# SANTWARJI MARJANI F'GĦAWDEX

*Kitba ta' MONS. CARMELO SCICLUNA, Arċipriet tal-Katidral*

## (2) IL-KNISJA TA' SAVINA

Din il-knisja li hija ddedikata lit-Twelid tal-Madonna tgħodd bosta snin. Tant hu hekk li n-Nutar Andrea Benjamin isemmiha fl-atti tiegħu tat-12 ta' Mejju 1476. Jingħad li fi żmien meta l-Knisja Katidrali tal-lum kienet il-parroċċa waħdanija tal-gżira kollha, din il-knisja ta' Savina kienet isservi ta' parroċċa bil-lejl għal nofs Għawdex. Għalhekk fil-Viżti Pastorali ta' Mons. Cagliares fl-1623 u ta' Mons. Molina fl-1678 insibu li l-Arċipriet tal-Matriċi — illum il-Katidral — kellu jżomm bi spejjeż tiegħu Viċi Parroku bil-lejl fil-knisja msemmija.

Fis-sena 1502 dan is-Santwarju Marjan ġie mċekken. Kienet din il-ħabta meta f'din il-Knisja u fiz-zuntier tagħha kienu jidfnu ħafna mill-mejtin. U għal din ir-raġuni fit-2 ta' Novembru l-kleru tal-Bażilika ta' San Ġorġ sa ftit żmien ilu kien iżur dan it-tempju ċkejken biex jitlob għal dawk li jinsabu midfuna fih.

Kien Mons. Arċidjaknu Lwiġi Vella D.D. li għamel tibdiliet mill-qiegħ f'din il-knisja; Huwa kien kważi ħattha mill-pedamenti u bniha mill-ġdid fis-snin li dam Rettur ta' dan is-santwarju Marjan. Kienet għalhekk is-sena 1913 meta din il-knisja reġgħet infetħet b'ċerimonja kbira mill-Kardinal Ferrata li kien jinsab Malta għall-Kungress Ewkaristiku.

Din il-knisja tissejjaħ ta' l-Ewkaristija għax fiha l-imsemmi Arċidjaknu Vella waqqaf ħafna opri Ewkaristiċi fosthom dawn li ser insemmi:

- B'digriet ta' l-Isqof G.M. Camilleri tas-7 ta' Marzu 1904, twaqqfet f'din il-knisja l-Aggregazzjoni tas-Sagrament, imgħaqqda mal-Primarja ta' S. Klawdju f'Ruma li hi tal-Patrijiet tas-Sagrament b'diploma tad-19 ta' Marzu 1904.



**Sena 1913 — Ftuħ tal-Knisja mill-Kard. Domenico Ferrata**

- F'Ġunju ta' l-istess sena bdiet fl-istess knisja l-Adorazzjoni Perpetwa bil-Gwardja ta' l-Unur li jitbiddlu kull siegħa.
- B'digriet ieħor tat-12 ta' Lulju 1905 ta' l-imsemmi Isqof twaqqfet l-Aggregazzjoni ta' l-Adorazzjoni Kwotidjana Universali Perpetwa tas-Sagrament li din ukoll ġiet imgħaqqda mal-Primarja ta' Torin b'diploma tad-29 ta' Settembru 1905.

● Fid-19 ta' Settembru, imbagħad, twaqqfet l-Għaqda tal-Paġġi Ċkejknin tas-Sagrament. Kienet ħaġa tassew xierqa mela li l-Isqof Camilleri jikkonsagra bl-ikbar solennità din il-knisja fis-7 ta' Frar 1904.

Il kwadru titulari ta' din il-knisja ġie mogħti fl-1622 mill-Gvernatur t'Għawdex ta' dak iż-żmien Fra Rikardu de Nini Claret. F'dan is-santwarju nsibu wkoll ħafna kwadri antiki ta' knejjes li ġew ipprofanati f'Għawdex.

Din il-knisja x'aktarx tissejjaħ "ta' Savina" għaliex fi żminijiet il-qedem f'Għawdex kien hawn il-kunjom Savina bħalma jixhdu wisq tajjeb il-legati ta' quddies li jinsabu fil-Knisja Katidrali.

Fost l-opri li għamel f'din il-knisja r-Rettur Mons. Arċidjaknu Pawl Cauchi, ta' min isemmi l-paviment ta' rħam mill-ifjen li sar fl-1950.

Fl-1980 din il-knisja ġiet magħluqa għal xi xhur minħabba ħtieġa ta' tiswijiet fil-bejt tagħha. Fit-13 ta' Diċembru 1980 il-knisja reġgħet ġiet miftuħa mill-ġdid. Sadattant, billi r-Rettur tal-knisja, l-Arċidjaknu Monsinju Pawlu Cauchi, kien marid sewwa, l-Isqof Cauchi ħatar lil Mons. Giovanni B. Gauci biex jieħu ħsieb il-knisja ta' l-Adorazzjoni. Fil-fatt, l-Arċidjaknu Cauchi miet fit-28 ta' Diċembru 1980 u Monsinjur Gauci kompla jieħu ħsieb l-istess knisja sakemm inħatar uffiċjalment Rettur tagħha wara l-mewt ta' l-Arċidjaknu Cauchi.

Fis-sena 1984 fil-knisja ta' l-Adorazzjoni sar tibdil fl-artal ta' l-istess knisja. Mill-artal antik tfasslet turris eucharistica addattata għall-iskop ewlieni tal-knisja, jiġifieri l-espożizzjoni bla ma taqta' ta' Ġesù Sagramentat. Sar ukoll artal ġdid li jirrispondi aħjar għar-riformi liturġiċi tal-Konċilju Vatikan II.

Tant id-disinn tat-turris eucharistica kemm dak tal-artal mejda saru mis-Sur Toni Saliba mir-Rabat ta' Għawdex. Ix-xogħol kien f'idejn Montebello Marble Works ta' Malta u l-aġent inkarigat kienet id-Ditta E. Theuma & Co. tal-Belt Valletta.



**It-Turris Eucharistica bl-artal mejda**

Fl-okkażjoni tal-festa ewkaristika magħrufa bħala l-Festa tal-Gwardji ta' Ġesù Sagramentat, l-artal il-ġdid ġie solennement ikkonsagrat mill-Isqof ta' Għawdex Monsinjur Nikol Ġ. Cauchi nhar is-27 ta' Jannar 1985 u taħt wieħed mill-pilastri tal-artal tpoġġew ir-relikwiji ta' San Piju X, S. Wistin u San Pietru Ġuljanu Eymard.

Din il-knisja tat-Twelid tal-Madonna hi llum imfittxija minn ħafna nies billi tinsab f'post ċentrali tar-Rabat u billi fiha jkun hemm l-Adorazzjoni ta' Ġesù Ostja kuljum.

"Għall-glorja tal-Verġni Marija u għall-konfort tagħna, niddikjaraw lill-Imqaddsa Verġni Marija, bħala Omm tal-Knisja. Irridu li dan l-isem sabiħ jiġi onorat u msejjaħ mill-insara kollha."

*(Pawlu VI).*

*Il-Patri Kapuċċin li beda l-Inkurunazzjoni tax-Xbihat tal-Madonna*

# Il-Patri Ġlormu minn Forlì, l-Italja

Ulied il-Patrijarka San Franġisk, bħall-Fundatur tagħhom, matul is-snin minn meta ġie mwaqqaf l-Ewwel Ordni Franġiskan, urew imħabba kbira lejn Marija Omm Alla u Omm tagħna.

Mill-Fergħa Kapuċċina wkoll ħarġu nies li baqgħu magħrufa għall-qima tagħhom lejn il-Verġni Marija; biżżejjed insemmu tlieta minnhom: San Lawrenz minn Brindisi, li stħoqqlu l-isem ta' Duttur Marjan minħabba dak li kiteb fil-"Mariale" tiegħu; lil Patri Sidor minn Sivilja li xerred id-devozzjoni lejn Sidtna Marija "Rgħajja divina", li bl-approvazzjoni tal-Papa Ljuni XIII l-Ordni Kapuċċin jiċċelebra l-festa tagħha fit-tieni Sibt wara l-Għid; u fis-seklu XVI il-Patri Ġlormu minn Forlì, l-Italja, magħruf bħala l-awtur ewlieni ta' l-Inkurunazzjoni pubblika u solenni tax-xbihat jew statwi tal-Madonna. Jixraq li ngħidu xi ħaġa fuq dan l-Appostlu tal-Madonna, li bit-tħabrik tiegħu ġiet imdaħħla ċ-ċerimonja ta' l-Inkurunazzjoni solenni tax-xbihat tal-Madonna mal-funzjonijiet l-oħra li tagħmel il-Knisja.

### Devot tal-Madonna minn ċkunitu

Patri Ġlormu twieled fil-5 ta' Ġunju, 1552 ġewwa Forlì, fl-Italja, mill-markiż Franġisk Paulucci dei Calboli u minn Ludovika Pingetti. Fil-magħmudija tawh l-isem ta' Pier Antonju u minn dak il-ħin il-ġenituri tiegħu għarfu jrabbuh fit-tjieba nisranija, hekk li sar l-oġġett ta' ammirazzjoni għan-nies tal-belt u ta' ġieh għall-familja tiegħu. Sa minn kmieni dehret tiddi fih id-devozzjoni lejn Marija Santissima. Fi tfulitu minflok jilgħab ma' tfal oħra, il-gost tiegħu kien li jmur f'xi knisja jitlob u jagħti qima lil xi statwa jew kwadru tal-Madonna. Hekk insibu li sena waħda meta Pier Antonju u ħutu temmew l-eżamijiet ta' l-iskola ommu ħadithom vaganza fuq il-għolja ta' Bartinoro u t-tfajjel Pier Antonju ma' ħuh Ippolito sabu ġuvnott jismu Bartolino li malajr għamlu ħbieb miegħu u talbuh biex idawwarhom il-post u Bartolino aċċetta bil-qalb kollha. Hawn Pier Antonju qallu: "Ma teħodniex naraw xi santwarju jew kappella tal-Madonna?" Bartolino qalilhom li xi mil bogħod, fuq Monte Maggio hemm kunvent tal-patrijiet Kapuċċini u Knisja tal-Madonna tal-Ħniena u mal-patrijiet hemm patri xiħ, jiġi minnu u msemmi għat-tieba tiegħu. Pier Antonju ftiehem ma' Bartolino biex imorru hemm u wara li għamlu żjara lil Ġesù Sagramentat u talbu lill-Madonna tal-Ħniena, marru jaraw u jkellmu liz-ziju ta' Bartolino, Patri Feliċ Sassi. Meta telgħu fiċ-ċella tiegħu, sabu patri xiħ għakka bilqegħda fuq banketta, kamra tassew fqira, fejn ħlief sodda, mejda u xi ftit ħwejjeġ meħtieġa, ma ħajt kien hemm imdendel kwadru tal-Madonna, li mill-ewwel seraq il-qalb tat-tfajjel Pier Antonju. Tant għoġbu li qabel ma ħarġu mnejn il-patri ma staħax jitolbu dak il-kwadru ewlieni. Il-patri wegħdu li jħallihulu wara l-mewt tiegħu, li forsi ma kenitx bogħod; bħala rikonoxxenza talbu biex jikkonsagra ħajtu lill-Madonna billi jistmaha bħala Omm Alla u ommna u jqanqal il-qima tagħha fost il-fidili b'taħriġ u devozzjoni speċjali.

### Ġibda għall-ħajja reliġjuża

Imrobbi mill-aħjar u fil-biża' ta' Alla, Pier Anton ħass li għandu jservi 'l Alla fl-istat reliġjuż iżda billi ra li bl-ebda mod ma jista' jdawwar lill-ġenituri tiegħu biex iħalluh ikompli xewqtu, bil-permess tal-ġenituri tiegħu daħal fl-Università ta' Bolonja u għażel il-fakultà tal-Liġi. Miġbur u mehdi biss fit-talb u fl-istudju, ta' inqas minn 20 sena ħa l-lawrja fil-Filosofija u laħaq avukat.

Matul is-snin tal-istudju fl-università huwa kien ta' eżempju kbir fid-devozzjoni li kellu lejn il-Madonna. Il-ħsieb li jsir patri baqa' dejjem f'moħħu u kien dejjem jimmedita f'qalbu kif ifittex jinħall mill-irbit tad-dinja u jidħol f'kunvent biex igħaddi ħajja ta' ġabra, talb u ħidma apostolika. Hu ma kellux f'moħħu li jeżerċita l-professjoni tiegħu ta' avukat, u f'qasir żmien qatagħha

x'ghandu jagħmel: irrikmanda ruħu lill-Verġni Marija u bil-għajnuna tagħha ittama li l-ħsieb tiegħu jirnexxi.

Kien fit-18 ta' Marzu 1573 lejlet il-festa ta' San Ġużepp, li tiegħu ukoll kien devot ħafna meta Pier Anton talab 'l ommu biex l-għada, festa ta' San Ġużepp, flimkien mal-qaddej Indrì, imur kmieni l-knisja biex jaqdi d-devozzjonijiet tiegħu. Qalilha biex ma tinkwetax ruħha għax huwa kien sejjer bi skop tajjeb u wara tnebbieha qaddisa tal-Mulej. Talabha l-barka tagħha. "Tajjeb", qaltlu ommu, "mur fejn il-Mulej qed inebbħek, għax ma rridx nidħol fis-sigriet li għandek". Ħadd ma jista' jfisser il-ferħ ta' Pier Antonju għall-permess ta' ommu, għalhekk qabdilha idha, biesha, waqt li qalilha biex titlob hi wkoll lill-Mulej għalih biex l-għada jkun jista' jiddeċiedi li jagħmel ir-rieda mqaddsa ta' Alla, u qalilha biex tgħid lil missieru, li ma kellux ċans ikellmu, biex ma tagħha jagħtih ukoll il-barka tiegħu.

Hekk, nhar San Ġużepp tal-1573, Pier Antonju fl-erbgħa ta' filgħodu ħareġ minn kamartu, sellmilha għall-aħħar darba u b'sorra taħt driegħu niżel bil-mod it-taraġ biex ma jqajjem lil ħadd, ħareġ mid-dar u daħal fil-karozzella mhejjija mill-qaddej Indrì, radd is-salib u malajr waslu hemm u żarmaw iż-żwiemel fl-ewwel lok li sabu u ħallewhom fi ħsieb żagħżugħ li kien jieħu ħsieb l-istalel. Imbagħad komplew telgħin il-muntanja li fuqha kien hemm knisja tal-kapuċċini. Fl-aħħar, fil-ġmiel tax-xemx tiela', waslu fil-knisja u baqgħu deħlin fiha, fejn sabu l-patrijiet igħidu u jkantaw it-Tifħir ta' filgħodu. Pierino ħass ruħu barra minnu nnifsu u f'dak il-ħin xtaq ikun magħhom. U x-xewqa saret realtà, għaliex bil-għajnuna tal-Madonna baqa' magħhom.

**Bil-għajnuna tal-Madonna jidħol Kapuċċin**

Malli waslu fil-knisja Pier Anton inxteħet għarkobbtejh quddiem Ġesù Sagramentat jitlob lill-Mulej jagħtih id-dawl biex jista' jwettaq ir-riżoluzzjoni li kien ilu jaħseb ħafna fuqha. Għalhekk biex ikompli d-devozzjonijiet tiegħu bħalma kien qal lil ommu, iqerr u jitqarben u talab fit-tul u b'ġabra hekk kbira li l-patrijiet stagħġbu meta raw tant tieba fiż-żagħżugħ frustier u għarfu li xi deċiżjoni kbira kienet ġabitu fuq dik il-muntanja.

Xħin spiċċat l-uffizzjatura u l-patrijiet inġabru fil-kunvent, Pier Anton ħareġ mill-knisja u mar fil-porterija jistaqsi għall-Mastru tan-Novizzi. Kif daħal fil-kuritur lemaħ artal żgħir bi xbieha tal-Madonna mżejna b'xama' u fjuri, inxteħet għarkobbtejh quddiemha u qalilha bil-qalb biex tgħinu ħa jkun jista' jagħmel ir-rieda ta' Alla u jkun qaddej tagħha ħajtu kollha. Imbagħad qam u baqa' sejjer wara l-purtinar, li xħin ra t-tieba tiegħu qallu: "Jaqaw ġejt biex tidħol magħna?" Pier Anton f'dak il-ħin lemaħ lill-patri Surmast tan-Novizzi għaddej huwa u sejjer lejn kamartu. Dan fehem x'ried iż-żagħżugħ u għalhekk għamillu sinjal biex imur warajh. Kif Pier Anton daħal fil-kamra tas-Surmast tan-Novizzi, niżel għarkobbtejh, bieslu idu u qallu: "Patri nitolbok għall-imħabba tal-Madonna li tlibbisni l-labtu tagħkom u tqegħdni man-novizzi." Il-patri qallu: "Jekk tassew int imnebbaħ minn Alla, ibqa' fidil u perseveranti, u meta jkun il-waqt tkun ikkuntentat." "Imma jien nixtieq li nilbes magħkom illum u ma rridx nerġa' mmur id-dar," wieġeb Pier Anton bl-umiltà kollha. Xħin il-patri staqsieh jekk ġiebx dokumenti miegħu fuq l-imġieba ċivili u morali u fuq il-kunsens tal-ġenituri, iż-żagħżugħ wieġbu: "Xejn ma ġibt miegħi, imma nħoss biss li għandi f'qalbi r-rieda t'Alla u l-protezzjoni tal-Madonna."

Billi fiż-żagħżugħ Pier Antonju ra sinjali straordinarji ta' vokazzjoni, is-Surmast tan-Novizzi ħa wkoll deċiżjoni straordinarja u qal liż-żagħżugħ. "Oqgħod bi kwietek, jiena nista' nlibbsek kapuċċin minn issa, iżda n-novizzjat tiegħek jibda meta jaslu d-dokumenti meħtieġa u l-kunsens tal-ġenituri." Pier Antonju kollu ferħan radd il-ħajr lill-Madonna u qal lill-patri: "Immorru għax għandi mitt sena biex nilbes il-labtu ta' San Franġisk." Ħarġu miċ-ċella u malli Pier Anton lemaħ lil Indrì qallu: "Nirringrazzjak talli wassaltni fid-dar tal-Mulej; stennieni biex nagħtik ittra biex tagħtiha lil ommi. Malajr kiteb ittra lil ommu biex juriha bid-deċiżjoni tiegħu li jsir patri Kapuċċin u taha lill-qaddej Indrì.

Indrì ħa l-ittra u skantat u mħawwad mexa wara l-patrijiet li dehru ħerġin mill-



Patri Ġlormu minn Forlì

kmamar taghhom, wara li kien ġie moghti s-sinjal biex jinġabru fil-knisja. Kif waslu fil-knisja, fejn kollox kien imhejji ghaċ-ċerimonja, Pier Anton niżel gharkobbtejh f'nofs ir-reliġjużi u talab b'lehen gholi biex ghall-grazzja t'Alla u tal-Madonna jiġi milqugh fl-Ordni taghhom. Il-patrijiet kollha wieġbu: "Hekk ikun". Wara twissija ta' missier mill-Patri Surmast tan-Novizzi, Pier Anton nehha l-hwejjeġ ta' sekular u libes iċ-ċoqqa ghażiża Franġiskana, waqt li bidlulu l-isem ta' Pier Anton Paulucci f'dak ta' Fra Ġirolmu minn Forlì, Kapuċċin.

Meta spiċċat iċ-ċerimonja, il-qaddej Indrì telaq bil-karozzella lejn id-dar tal-Markiż Paulucci, ghax ghalkemm imbeżża' billi kien irritorna wahdu, kellu mitt sena biex jaghti l-ahbar ta' Pier lill-Markiża, li żgur kienet imhassba billi kienu ddawru hafna ma marru lura. Malli semghu l-hoss tal-karozzella riesqa, il-Markiża xirfet mit-tieqa u xhin Indrì dahal wahdu, l-omm imhassba staqsiet ghal Pierino. Hawn, Indrì hareġ l-ittra mill-but u tahielha. Il-Markiża b'ghaġġla kbira niżlet, hadet l-ittra u fethitha bl-akbar hrara biex tara x'fiha, u xhin saret taf bid-deċiżjoni ta' binha u li hu diġà kien libes Kapuċċin, imma biex jibda n-Novizzjat kellu bżonn tal-permess bil-miktub ta' ommu u missieru, dawn ta' veri nsara ma xtaqux ifixklu l-vokazzjoni tieghu u malajr baghtulu l-kunsens taghhom u ċ-ċertifikati l-ohra li kellu bżonn biex jista' jibda n-novizzjat, kif tant kien xtaq il-ġdid Fra Ġirolmu.

**Ixerred mill-ewwel id-devozzjoni lejn il-Madonna**

Meta wasal il-permess tal-ġenituri u ċ-ċertifikati ta' l-imġiba tajba tieghu, Fra Ġirolmu seta' jibda n-novizzjat, li ghaddieh b'mod eżemplari, jistudja r-regola tal-Patrijarka San Franġisk u jitheġġeġ dejjem fil-qima lejn il-Madonna. Meta spiċċa s-sena tan-Novizzjat, Fra Ġirolmu ntrabat bit-tliet voti reliġjużi, billi ipprofessa r-regola Kapuċċina waqt li f'qalbu obbliga ruhu li jxerred dejjem aktar id-devozzjoni lejn Marija Santissima.

Kif ipprofessa ġie mibghut fil-kunvent ta' Imola ghall-istudju tat-teoloġija u x-xjenzi sagri. F'Imola, belt fil-pjanura tar-Rumanija hemm santwarju msemmi hafna tal-Madonna ta' Piratello. F'dan is-santwarju hemm xbieha mirakuluża ta' Sidtna Marija, li qabel ma nbniet il-knisja, kienet tinsab fl-istess post fuq kolonna tal-ġebel. Din ix-xbieha tal-Madonna, skond it-tradizzjoni, ghall-habta tal-1483 kelmet lil Stiefnu Mangelli, fejn qaltlu li Hija xtaqet li tkun meqjuma hemm mill-poplu ta' Imola. Meta Stiefnu gharraf lin-nies tal-belt, dawn ghalenija ma' l-Isqof flimkien mal-kleru u n-nobbli, marru biex iwettqu dak li xtaqet il-Verġni Marija. Waqt li kienu qeghdin iqimuha, saru bosta gheġubijiet ta' fejqan u b'rikonoxxenza tal-grazzji li kienet taghmel maghhom, in-nies ta' Imola malajr bnewlha Santwarju.

It-twajjeb Fra Ġirolmu meta sama' bis-Santwarju ta' Piratello, li kien boghod żewġ mili mill-belt, ferah hafna. Billi kien hemm drawwa li l-istudenti darba fil-ġimgha wara nofs inhar johorġu jaghmlu passiġġata twila, Fra Ġirolmu talab lis-Surmast tan-Novizzi biex kieku din il-harġa tibda ssir ghal Piratello, halli jkollhom ċans jaghmlu żjara lill-Madonna. It-talba tieghu ġiet milqugha u bdew dawn il-passiġġati-pellegrinaġġi mill-kunvent tal-kapuċċini

għal Piratello kull nhar ta' Ħamis, bl-istudenti jirreċitaw ir-Rużarju u jkantaw innijiet lill-Madonna. Din id-devozzjoni għoġbot ukoll lin-nies, hekk li ma' l-istudenti kapuċċini bdew jieħdu sehem tfal ta' skejjel oħra henjin li fil-vaganzi jagħmlu passiġġata fost kant sabiħ.

Dawn huma l-ewwel fervuri li Fra Ġlormu, li bilkemm kien għadu beda l-ħajja reliġjuża, għaraf inissel għall-qima tal-Madonna, inizjattivi li ġew inkurunati b'suċċess mill-aqwa; din il-ħaġa għadha ssir anke llum meta f'ċerti żminijiet tas-sena xi nies jitilqu minn irħula bogħod u flimkien mal-Kappillani u l-qassisin tagħhom imorru jżuruha fis-Santwarju tagħha waqt li jkantaw il-glorji ta' Marija u jitolbuha għajnuna, barka u fejqan spiritwali u temporali.

(*jissokta f'ħarġa oħra*).



## Marija u t-Tfulija ta' Ġesù

L-Omm Marija, Ġesù Binha,
għall-ġid tagħna t-tnejn flimkien,
ħadmu f'għaqda illi bħalha
żgur ma tista' ssib imkien.

Din il-għaqda t'Omm ma' l-Iben
mit-tnissil ta' Kristu bdiet.
Baqgħet sejra sa ħin mewtu,
pass pass miegħu Ommu mxiet.

Dan seħħ l-ewwel meta omm Ġwanni
Minn Marija kellha żjara;
lilha sellmet bħala hienja
għax tal-fidwa emmnet il-bxara.

Meta mbagħad Ġesù kien twieled
u mistrieħ kien fuq dirgħajha,
kollha ferħ din l-Omm urietu
lit-tliet Maġi u lir-ragħajja.

Sejf ta' niket Xmun ħabbrilha
xħin fit-tempju pprezentatu;
kelmet Binha laqgħet meta
wara t-telfa mill-ġdid ratu.

F'qalbha kienet dejjem taħseb
li l-Missier kien tah missjoni;
u f'dil-ħidma miegħu ngħaqdet
biex tiġina s-salvazzjoni.

**(Soru Benedittina ta' l-Imdina).**

# L-IMMAKULATA FIL-LITURĠIJA

*mill*-KAN. NIKOL VELLA APAP

Fir-rit Bizantin, insibu li l-festa tal-Kunċizzjoni tal-Madonna kellha bidu fil-Lvant u d-dokument l-iktar qadim huwa dak tas-sekli VII u VIII u kanoni liturġiku ta' S. Andrea ta' Kreta.[1]

Għall-bidu tas-seklu VIII insibu fl-Orjent bħala xhud: "Il-Kunċizzjoni ta' S. Anna" (9 ta' Diċembru). Din ġejja mill-Protovanġelu ta' Ġakbu. Għaddiet fil-Punent l-ewwel fl-Italja tan-Nofs in-Nhar fis-seklu IX u dritt wara fl-Ingilterra fejn tidher fit-8 ta' Diċembru imsejħa "Kunċizzjoni ta' l-Imqaddsa Verġni Marija".[2]

L-ewwel omelija li nafu biha fuq din il-festa hija dik ta' Ġwanni Eubea (P.G. 96, 1459-1500) li ffjorixxiet fl-ewwel nofs tas-seklu XIII. Għall-bidu, festa bhal din kienet limitata fil-monasteri tal-monaċi; wara fi żmien qasir daħlet f'ħafna knejjes tal-Lvant kif jidher minn ħafna omeliji u kitbiet bejn is-snin 800 u 900. L-awtorità ċivili ma damitx ma għarfet din il-festa. Fil-Kalendarju ta' Bisanzju li huwa taħt l-isem ta' Bażilju II (976-1025) din il-festa hija assenjata għad-9 ta' Diċembru, data komuni fil-Lvant b'eċċezzjoni ta' xi knejjes orjentali magħqudin ma' Ruma.[3]

Fl-1166, l-Imperatur Emmanweli Comneno mal-kostituzzjoni li kien ħareġ dwar ċerti festi li jsiru matul is-sena, daħħal il-festa tal-Kunċizzjoni qalb il-festi li kienu jiġu ċċelebrati mill-Griegi. Din għamilha festa ta' preċett u li fiha ma jsirx xogħol.[4]

L-oġġett tal-festa tal-Kunċizzjoni fil-Lvant għandu tliet tifsiriet: (i) it-tħabbira tal-Kunċizzjoni ta' Marija mogħtija lil S. Anna (kif igħid il-Protovanġelu ta' Ġakbu); (ii) il-miraklu tal-Kunċizzjoni attiva f'ġuf sterili; (iii) il-Kunċizzjoni passiva ta' Marija li miżmuma minn kulħadd qaddisa, bla tebgħa u mħarsa mit-tebgħa oriġinali, kif jidher minn ħafna omeliji.[5]

Fil-Punent, il-festa tal-Kunċizzjoni għaddiet fis-sekli VIII u IX mill-Knisja tal-Lvant għall-Italja ta' Nofs in-Nhar, fi Sqallija, Sardinja u Napli kif jidher f'din l-aħħar belt mill-"Kalendarju Marmoreo Naplitan", fid-9 ta' Diċembru. Mill-Italja tan-Nofs in-Nhar imbagħad il-festa tal-Kunċizzjoni daħlet fl-Ingilterra fis-seklu IX; fil-Ġermanja, il-Belġju u Spanja daħlet madwar it-tmiem tas-seklu XII.[6]

Mis-seklu XII din il-festa bdiet issir magħrufa bħala tal-"Konċepiment Immakulat", bħalma jippreċiżaw xi Ingliżi u Eadmero fit-Trattat tiegħu "De Conceptione Beate Mariae". Il-festa daħlet fin-Normandija u fi Franza madwar is-sena 1130, minkejja li kien hemm oppożizzjoni minn San Bernard.[7]

Fi Franza, il-Konċilju ta' Le Mans (1247) għamel il-festa tal-Kunċizzjoni bħala festa ta' preċett. F'Rhiems kienet issir fl-1261-71.[8] Fis-sena 1263, il-Kapitlu Ġenerali tal-Patrijiet Minuri waqqaf il-festa fl-Ordni kollu. Madwar is-sena 1330, il-festa tal-Kunċizzjoni daħlet fil-Kalendarju tal-Kurja Rumana.[9]

Fl-1300, il-festa tal-Kunċizzjoni saret waħda mill-festi tal-preċett.[10]

Fl-1306, il-Kapitlu Ġenerali tal-Karmelitani daħħalha fl-Ordni bħala "Totum Duplex" jiġifieri bħala festa solenni.[11]

Lejn is-sena 1350 f'Avignone kienet iċċelebrata b'solennità kbira fil-knisja tal-karmelitani u ftit wara l-Papa Ġwanni XXII daħħalha fil-Kappella privata tiegħu.[12]

Fis-sena 1334, din il-festa daħlet fiċ-Certosa ta' Val-St-Aldegonde u s-sena ta' wara fl-Ordni Certosin, fis-sena 1345 ġiet mgħollija għall-grad ta' festa solenni.[13]

Bejn is-snin 1338-1348 daħlet fid-djoċesi ta' Trevizi u fl-1350 f'Utrecht u f'Munster.[14]

Fl-1394 ġiet aċċettata mill-Kapitlu Ġenerali tad-Dumnikani fis-sens ta' "Il-Qdusija tal-Verġni". Id-digriet tal-Konċilju ta' Basilea fl-1439 ħadem ħafna biex tkun festa universali[15]. Dan id-digriet kien



aċċettat mill-Università ta' Pariġi u minn Konċilju li sar f'Avignone fis-sena 1459.[16]

Fis-seklu XIII din il-festa tnaqqset ħafna u minn xi kalendarji ġiet imħassra għal kollox. Probabbli dan sar taħt l-influss ta' xi teoloġi kbar li ma kenux jammettu l-privileġġ marjan. Iżda fis-seklu XIV din il-festa reġgħet qabdet u saret universali.[17]

Fis-seklu XII diġà kienu jeżistu xi uffiċċji tal-Kunċizzjoni tal-Madonna. Bl-awtorità tal-Konċilju ta' Basilea (1438) kien inkiteb dan l-uffiċċju. Ftit wara, il-Papa Sistu IV bil-kostituzzjoni "Cum praeexcelsa" (1477) approva quddiesa u l-uffiċċju tal-Kunċizzjoni tal-Madonna, miktubin minn Leonardo ta' Nogarole, u bil-Brevi "Libenter ad Ea" (1480) dawk miktubin minn Bernardino ta' Busto.[18]

Il-Papa Klement XI fis-6 ta' Diċembru 1708 għamel din il-festa ta' preċett fil-Knisja kollha. Il-Papa Beneditt XIV ordna li għal din il-festa tinżamm kappella Papali f'Santa Maria Maggiore.[19]

Il-Papa Piju IX fl-1863 ippubblika uffiċċju u quddiesa ġdida ta' l-Immakulata Kunċizzjoni. Dawk tal-lum jagħmlu parti mil-Liturġija Rumana restawrata mill-Papa Pawlu VI fis-sena 1969.[20]

Kien il-Papa Piju IX li għamel bħala Domma ta' Fidi "l-Immakulat Konċepiment" ta' Marija nhar it-8 ta' Diċembru 1854 bil-Bolla "Ineffabilis".[21]

Il-Liturġija ta' din is-solennità ma tagħmilx ħlief trodd ħajr u ġieħ lil Alla li naraw fih il-ħelsien tagħna meta bagħtilna lil Marija li għaffġet ras is-serpent infernali u li Alla żejjinha bid-doni tiegħu u li minnha għamel għamara tal-Verb li sar bniedem.[22]

**REFERENZI:**


1. Enciclopedia Cattolica Vol. VI p. 1658-1660.
2. Stefano de Fioris e Salvatore Meo, Nuovo Dizionario di Mariologia p. 703.
3. P. Gariel M. Roschini OSM, Dizionario di Mariologia p. 226.
4. L-istess p. 226.
5. L-istess p. 226.
6. L-istess p. 226.
7. Stefano de Fioris e Salvatore Meo, Nuovo Dizionario di Mariologia, p. 703.
8. Enciclopedia Cattolica Vol. VI p. 1658-1660.
9. P. Gabriel M. Roschini OSM, Dizionario di Mariologia p. 227.
10. Enciclopedia Cattolica Vol. VI p. 1658-1660.
11. L-istess p. 1658-1660.
12. L-istess p. 1658-1660.
13. L-istess p. 1658-1660.
14. L-istess p. 1658-1660.
15. P. Gabriel M. Roschini, Dizionario di Mariologia p. 227.
16. Dizionario Universale delle Scienze Ecclesiastiche, Vol. 3, p. 640.
17. Stefano De Fioris e Salvatore Meo, Nuovo Dizzionario di Mariologia, p. 703.
18. L-istess p. 704.
19. P. Gabriel M. Roschini OSM, Dizionario di Mariologia, p. 227.
20. Stefano De Fioris e Salvatore Meo, Dizionario di Mariologia, p. 703.
21. P. Gabriel M. Roschini OSM, Dizionario di Mariologia p. 214.
22. P. Giuseppe Montiprime, Compendio Del Nuovo Ordinamento Liturgico p. 72.

# A Time

Christmas — it's a time to receive.

Now wait a minute! That's getting a little carried away, isn't it? Just backwards from what it should be. The emphasis at Christmas should be on giving...to concentrate on receiving sounds kind of selfish...

But Christmas *is* a time of receiving. Recall the Gospel story when the whole world was on the receiving end with God's coming. "How silently, how silently the wondrous Gift is given." The miraculous gift of a Baby born to a peasant mother in an out-of-the-way place. Christmas began with our *receiving* the gift of God's presence in person. Yet perhaps without intending to we have played this down. We place so much emphasis and importance on our role as givers we almost fail to recognize that first of all we are receivers.

How often do you hear the familiar phrase repeated "the real joy of Christmas is in giving?" That is part of the truth, an important part, but it's not the primary joy nor the only joy. What we have been doing in effect is spotlighting ourselves more than the Giver and the true Gift of Christmas, and so we lose sight of God as Giver and ourselves as receivers.

Think back to the time when we were little children, how completely dependent we were on others, born to parents who wanted and cared for us, who gave us food, clothing, shelter — everything necessary fo life. Best of all, though, they gave us love. No question about being a receiver then, was there? Having a family to care for us was more of a blessing than we could possibly have known. There were also many other people along with those in our church family who gave themselves so generously, contributing valuable experiences which in turn helped us learn to give.

We start our lives with receiving: it begins in the process of creation. We humans are on the receiving end there —



**Mantegna — L-Adorazzjoni tar-Ragł**

all the way. And it's the same for Christmas when the world receives God's best gift.

There is no way to undo our role as receivers. We may not claim the Gift, but it has been given and is ours. So the question is, what do we do with it? Keep our distance? Surely whatever giving we do will mean much more if we have received the one Gift that is the light of our lives. By the same token, having received God's gift in Christ, we will want to give to others "because I have been given much, I, too, must give."

To specifically focus on receiving at this blessed time of the year is not meant to downgrade giving. There should be a lot more of it on the part of concerned Christians — real giving that is a conscious response to what we have received.

That really gets the wheel turning, doesn't it? Perhaps our giving may not be a lot different, but we will be doing it with a

# To Receive

*By ROSE BENNETT*



ajja — Mużew Metropolitan ta' N.Y.

new awareness that it grows out of our experience as receivers and out of a heartiful gratitude and more loving spirit.

We might also want to re-examine the well-known story of Christ's birth. Concrete realism is often missed as we go about our shopping and celebrating and decorating. Sometimes we go overboard about the "child", forgetting that Christ was born not just to coo at as we admire some especially beautiful Nativity Scene. The Matthew account of our Lord's birth says, "Now when Jesus was born in Bethlehem of Judea in the days of Herod the king, wise men from the East came to Jerusalem..." *Matt.*

Notice how straightforwardly factual the account is. A time specifically given. A place specifically named. A ruler specifically identified. Certainly Bishop Lesslie Newbigin is correct when, in his *Honest Religion for Secular Man,* he writes: "No one who reads the Bible as a whole with any attention can doubt that this is the fire which burns at its heart: the belief in a God who acts and who is therefore related in a special way to certain names and certain events."

God pins us down by pinning himself down to a mother's warm womb and a "baby's low cry." The Master Planner and Creator of the universe takes history as his vehicle and proclaims, "The Son of man is come! The Son of man is come to seek and to save that which was lost!"

Indeed, the account of Christ's birth has no imaginary or empty language — it is all to the point in the most direct manner. Just how "spiritual" is a stable, or a wooden manger, or the simple, baby garment that a peasant mother from Galilee would wrap around her firstborn? Yet the holiness and mercy of God, his "spirituality", if you will, is such that it can seize and sanctify a rough-hewn manger on the way to redeeming a world.

Perhaps that is something else to contemplate as we prepare to celebrate the birth of our Saviour. Materialism may be an embarassment to some spiritual folks, but not to God. He employs — and by the employment enhances — bodies, money and bread, earth, sea and sky, organ pipes, violin strings and trumpet tones, printer's ink, paper stock and television screen — the whole bit. And from any nonsense that would deny it, let us pray to be delivered.

Christmas means many things to many people. This year hopefully our hearts and minds will be focused on receiving the Beloved Son who was given to us, placed by His Father in a human family to live, to serve, to die on a cross and to come to live again...the unutterable Gift. He is what Christmas is all about. And as we read once again the story of that holy night of nights, may we comprehend more fully that through our trust in Jesus Christ we have the one gift which surpasses all others — the gift of belonging to God as members of His eternal family. □

# Is-Santwarji fil-Kodiċi l-Ġdid tad-Dritt Kanoniku

Wara l-promulgazzjoni tal-Kodiċi l-ġdid tad-Dritt Kanoniku mill-Papa Ġwanni Pawlu II nhar il-25 ta' Jannar 1983, l-ewwel mistoqsija li tiġina f'moħħna hija jekk hemmx xi differenza bejn il-leġislazzjoni promulgata fl-1917 mill-Papa Benedittu XV u dik attwali rigward il-kult tal-qaddisin, il-knejjes u postijiet sagri, eċċ. Nistaqsu wkoll jekk fil-Kodiċi l-Ġdid hemmx xi novità f'dak li jirrigwarda s-santwarji, u b'mod speċjali għalina d-devoti ta' Marija, rigward is-santwarji Marjani!

## XBIEHAT TAL-QADDISIN

Fir-raba' ktieb, il-Kodiċi jitkellem dwar il-Knisja u l-ħidma tagħha għall-qdusija tal-bnedmin. Ir-raba' titlu ta' dan il-ktieb, huwa ddedikat għall-kult lejn il-qaddisin, xbiehat sagri, u relikwi. Taħt dan it-titlu fil-kanoni 1186, il-Kodiċi jerġa' jafferma l-importanza kbira tad-devozzjoni lejn "Marija, dejjem Verġni Omm Alla, li Kristu għamilha Omm il-bnedmin kollha."

Il-kanoni 1188, jitkellem dwar il-validità tad-drawwa li jinżammu xbiehat tal-qaddisin (iktar u iktar xbiehat tal-Madonna) fil-knejjes għall-qima ta' l-insara, u fil-kanoni 1189 jagħti n-normi dwar ir-restawr tax-xbiehat sagri. Fis-santwarji nsibu ħafna xbiehat famużi għall-antikità, il-qima, u l-arti tagħhom, u nistgħu ngħidu li n-normi tal-Kodiċi l-Ġdid dwar ir-restawr tax-xbiehat sagri jimlew vojt li kien ilu jinħass. Issa permezz ta' din il-leġislazzjoni l-wirt reliġjuż u artistiku illi nsibu fis-santwarji huwa iktar imħares. Barra minn hekk, dawn il-kanoni għandhom ineħħu kull dubju, li seta' nħoloq f'ċerti mħuħ matul dawn l-aħħar snin, rigward il-qima li għandha tingħata lill-Madonna u lill-qaddisin u lix-xbiehat tagħhom.

## MA KIENX HEMM LEGISLAZZJONI

Sa meta ġie ppromulgat il-Kodiċi l-Ġdid fl-1983, kien għad ma għandniex liġijiet li jikkontemplaw il-ħajja tas-santwarji. Fil-"Marialis Cultus" il-Papa Pawlu VI kiteb dwar il-pellegrinaġġi għas-santwarji marjani u faħħarhom bħala forma għażiża u frekwenti tal-qima ta' l-insara lejn Marija u Binha Ġesù. Imma issa fil-Kodiċi l-Ġdid insibu ħames kanoni li jikkontemplaw il-ħajja tas-santwarji in ġenerali, u kif jaf kulħadd, fil-maġġoranza tagħhom dawn iċ-ċentri tal-qima huma ddedikati lill-Verġni Marija.

## X'INHU S-SANTWARJU

Il-kanoni 1230 jagħtina d-definizzjoni tal-kelma "Santwarju", li biha nifhmu knisja jew xi post qaddis ieħor fejn l-insara jinġabru biex jagħtu qima partikolari. Ma' dan, il-kanoni jżid element ieħor fid-definizzjoni ta' "Santwarju", jiġifieri, il-fatt illi huwa post fejn jiltaqgħu għadd kbir ta' pellegrinaġġl. Dan l-element jindika b'mod ċar il-bidu, il-għan, u l-ħajja tas-Santwarju.

L-eżistenza, l-għan u l-ħajja tas-santwarju, jistgħu jkunu marbutin mal-memorja ta' xi esperjenza reliġjuża, mal-qima lejn xi xbieha mqaddsa, mal-ħarsien ta' xi relikwa nsinji, mat-twettiq ta' xi ġrajja mirakuluża, eċċ. Però dawn il-kwalitajiet ma humiex imsemmija fil-kanoni, għaliex kif wieħed jista' malajr jinduna, ma hux faċli li tinkludi r-raġunijiet kollha li jwasslu għat-twaqqif ta' xi Santwarju. Fid-definizzjoni għalhekk, il-kanoni jqis il-frekwenza numeruża ta' l-insara li jżuru s-santwarju bil-għan li jagħmlu pellegrinaġġ bħala n-norma li permezz tagħha xi knisja jew post qaddis jista' jiġi rikonoxxut bħala "Santwarju", iżda mhix norma unika.

Rigward l-approvazzjoni ta' l-Isqof, ta' min josserva li ġeneralment din ma tingħatax qabel, imma wara l-fatt. Dan għaliex mhux il-volontà ta' xi persuna waħda jew ta' xi enti wieħed li tikkostitwixxi s-santwarju, imma l-pellegrinaġġi ta' l-insara. Il-Kodiċi però, jżomm il-ħtieġa ta' l-approvazzjoni ta' l-Isqof biex tiġi leġittimata l-eżistenza tas-Santwarju.



Is-santwarju nazzjonali tal-Pilar fi Spanja

## KLASSIFIKAZZJONI

Hija interessanti hafna l-klassifikazzjoni tas-Santwarji bhala, "Internazzjonali", "Nazzjonali", u "Djoċesani" (ara kan. 1231 u 1232 par. 1).

Fil-fatt jeżistu santwarji li jgawdu pożizzjoni ġuridika partikulari bhalma huma Loreto, Pompei, u ohrajn. Imma sa issa ghadna ma nistghux nitkellmu minn "Santwarji Internazzjonali". Tkun haġa interessanti naraw kif ser jiġi applikat dan il-kanoni u liema santwarji jikkwalifikaw ghal dan it-titlu ta' "Santwarji Internazzjonali".

Xejn inqas interessanti hija l-kwistjoni ta' "Santwarji Nazzjonali". Hemm għadd ta' santwarji li huma ta' fama kbira, u li jirreġistraw pellegrinaġġi ta' devoti ġejjin minn djoċesijiet, provinċji, reġjuni u anke nazzjonijiet ohrajn — hekk per eżempju Lourdes u Fatima.

F'hafna pajjiżi ta' l-Amerika Latina kważi n-nazzjonijiet kollha, qabel ma kien hemm ebda dikjarazzjoni ġuridika, kienu jeżistu santwarji li għandhom il-karatteristiċi kollha mehtieġa ta' "Santwarju Nazzjonali" veru u proprju. Infatti l-Madonna tidher marbuta b'mod l-iktar intimu fl-istorja kollha ta' pajjiżi bħal per eżempju: il-Madonna ta' Gwadalupe fil-Messiku; l-Aparecida fil-Brażil, u oħrajn.

Imbaghad, ma rridux ninsew il-fatt li hafna nazzjonijiet, reġjuni u djoċesijiet kienu talbu u qalgħu mis-Santa Sede l-proklamazzjoni tal-Madonna, meqjuma f'dan jew f'dak is-santwarju, bħala Patruna tagħhom. F'ħafna każi ġie konċess l-uffiċċju liturġiku proprju, il-knisja ġiet eretta f'Bażilika Minuri, ix-xbieha ġiet inkurunata uffiċjalment, u ġew mogħtija indulġenzi u privileġġi spiritwali oħrajn.

Allura jkun interessanti naraw fil-prattika kif ser tiżviluppa l-applikazzjoni tal-kanoni 1231 u 1232. Il-Kanoni 1231 igħid li biex santwarju jista' jissejjaħ nazzjonali hija meħtieġa l-approvazzjoni tal-Konferenza Episkopali, filwaqt li biex jissejjaħ santwarju internazzjonali hija meħtieġa l-approvazzjoni tas-Santa Sede.

## IL-ĦAJJA TAS-SANTWARJU

Il-kanoni 1234 par. 1, igħid illi l-insara fis-santwarju għandhom isibu b'mod l-iktar abbundanti dawk li nsejħulhom "mezzi tas-salvazzjoni". Dawn huma l-predikazzjoni għaqlija tal-Kelma t'Alla, iċ-ċelebrazzjoni xierqa tal-ħajja liturġika speċjalment tas-sagramenti ta' l-Ewkaristija u tar-Rikonċiljazzjoni. B'dan il-mod, anke jekk indirettament, is-santwarju jkun qed igħin fil-ħajja u fil-hidma tal-parroċċi għas-salvazzjoni ta' l-erwieħ. Din ukoll hija waħda mill-karatteristiċi tas-santwarju. Niftakru hawnhekk li l-Papa Pawlu VI jsejjaħ lis-santwarju "**Klinika tar-Ruħ**". Fuq din il-ħaġa wieħed jista' jitkellem fit-tul, però hawnhekk biżżejjed li nagħmlu aċċenn għal dan is-suġġett. L-istess ngħidu dwar l-espressjoni tal-pjeta jew devozzjonijiet popolari li llum kulħadd jirrikonoxxi l-importanza tagħha fil-ħajja tal-maġġoranza ta' l-insara.

## TIFKIRIET VOTIVI

Il-kanoni 1234 par. 2, jitkellem dwar it-tifkiriet tal-weghdi, li ħafna drabi jkunu xoghlijiet artistiċi u ta' devozzjoni. F'xi santwarji whud minn dawn it-tifkiriet intilfu għal dejjem. Ir-raġunijiet jistgħu jkunu ħafna, imma jista' jkun ukoll li xi whud minnhom intilfu minħabba n-nuqqas ta' attenzjoni, jew minħabba n-nuqqas ta' post xieraq fejn jinżammu. Issa l-Kodiċi l-Ġdid jitlob illi t-tifkiriet tal-weghdi jinżammu esebiti f'post fejn l-insara faċilment jistgħu jammirawhom kif ukoll biex iservu ta' għajnuna effikaċi


Is-Santwarju tal-Madonna ta' Aglona

għall-fidi u l-qima tagħhom. Għandhom ukoll jittieħdu l-miżuri meħtieġa għall-ħarsien ta' dawn it-tifkiriet votivi.

**GĦAS-SERVIZZ TA' L-INSARA**

Minn din il-preżentazzjoni qasira dwar is-Santwarji fil-Kodiċi l-Ġdid, wieħed malajr jinduna li minkejja kollox, il-vera novità tikkonsisti iktar fil-forma u fil-kliem ġdid użat mill-Kodiċi, milli fis-sustanza.

Is-Santwarji minn dejjem kienu u jibqgħu postijiet sagri mwaqqfa għall-glorja t'Alla, tal-Madonna u tal-qaddisin, li jgħinu mhux ftit biex tissaħħaħ il-ħajja spiritwali ta' l-insara. Għalhekk is-santwarji jixirqilhom mhux biss l-attenzjoni kontinwa ta' l-awtorità kompetenti, imma wkoll l-għajnuna u l-qima ta' kull nisrani.

*minn* **REV. JOSEPH CAMILLERI**

Il-Bord Editorjali tar-Rivista
"Madonna ta' Pinu"
jixtieq
Milied Hieni
u Sena Gdida Mimlija Risq
lill-Qarrejja kollha
u lill-Benefatturi
tas-Santwarju Ta' Pinu

# 140 SENA MID-DEHRIET TAL-MADONNA TA' LA SALETTE

Il-Madonna dehret ġewwa LA SALETTE fid-19 ta' Settembru 1846, lil Maximinu Giraud li kellu ħdax-il sena u Melanie Calvat li kellha ħmistax-il sena, waqt li kienu qed jirgħu l-baqar. Huma raw dija ta' globu jgħammex iktar mix-xemx li għall-ewwel beżżagħthom. Fiċ-ċentru tal-globu li kien idur, jagħqad, u jikber, raw dehra ta' persuna bil-qegħda, wiċċha moħbi bejn il-pali ta' idejha, tibki biki ta' mrar. Bil-mod il-mod qamet u kellmet lit-tfal. Kienet kbira u sabiha, wiċċha ħelu imma mnikket, tidher li ghandha t-tbatija tad-dinja kollha. Qaltilhom: "Jekk il-poplu tiegħi ma jridx jobdi jkolli nhalli fil-libertà d-driegħ ta' Ibni; huwa tant qawwi u tqil li ma nistax inżomm aktar. Kemm ilni nsofri għalikom. Jekk nixtieq li Ibni ma jabbandunakomx jehtieġli nitolbu bla waqfien, u intom ma taghtux każ. Bit-talb tagħkom u b'dak kollu li taghmlu qatt ma tistgħu tpattuli għat-tbatija li qed inġarrab għalikom".

"Ghandkom sitt ijiem biex taħdmu, u ghalija żammejt is-seba' jum, u intom ma tridux tagħtuhuli. Dan itaqqal wisq id-driegh ta' Ibni. Is-sewwieqa ma jafux ħlief jidghu b'Isem Ibni. Dawn iż-żewġ ħwejjeġ itaqqlu tant id-driegħ ta' Ibni. Meħtieġ li tghidu sewwa t-talb ta' filgħodu u ta' filghaxija. Ukoll huwa meħtieġ li jiġi mhares l obbligu tas sawm".

Il-Madonna dehret ġewwa La Salette fi żmien meta n-nies kienu qed jinsew id-dmirijiet taghhom lejn Alla: Hija talbet biex:

(a) jiġu mħarsa l-Hdud u l-festi;
(b) ma jsirx dagħa;
(c) isir talb kuljum;
(d) isir sawm u penitenza.

Huwa mportanti ħafna li niftakru fid-dmirijiet tagħna lejn Alla; għax meta l-bnedmin jinsew lil Alla huma jduru kontra xulxin b'kull xorta ta' firdiet, u ma jibqgħux iġibu ruħhom bħal aħwa wlied Missier wieħed. Marija hija l-OMM ta' kulħadd u tħossha mnikkta mhux ftit meta tara 'l uliedha mifrudin bejniethom. Għaddew 140 sena mid-dehriet ta' La Salette, u MARIJA għadha tagħmel l-istess sejħa lil uliedha biex iduru lejn Alla fit-talb u bil-penitenza ħalli fid-dinja ssaltan il-paċi bejn Alla u l-bnedmin u b'hekk ma tiġix nieqsa l-paċi bejn il-bnedmin infushom, tkun xi tkun ir-razza tagħhom, u jkun xi jkun it-twemmin tagħhom. Jekk huma bnedmin huma wlied Alla, u jekk huma wlied Alla u wlied MARIJA allura lkoll aħwa.



**Il-Madonna tkellem lil Maximinu Giraud u lil Melanie Calvat**



# Il-Mara tat-Tnax il-Kewkba

## (1) L-IMMAKULATA

*minn*

Patri Bonaventura Camilleri O.F.M. Conv.

**"Il-Verġni Mqaddsa, fl-ewwel ħin tan-nisel tagħha, bi grazzja speċjali u bi privileġġ ta' Alla li jista' kollox, għall-merti ta' Ġesù Kristu, il-Feddej tal-bnedmin kollha, ġiet ippreservata minn kull tebgħa tad-dnub tan-nisel"**: b'dawn il-kelmiet preċiżi l-Papa Piju IX sollennement iddikjara bħala domma t-Tnissil bla tebgħa ta' Marija Verġni fil-Bażilika ta' San Pietru fit-8 ta' Diċembru, 1854 (**ara**: Bolla **"Ineffabilis Deus"**, **APN** I, 597).

**Kreatura Singulari:**

L-Immakulata hija l-kreatura singulari, il-kreatura perfettisima; hija l-isbaħ kreatura li qatt rifset l-art tagħna, u hija wkoll l-eqdes waħda li ra s-Sema. Hija l-kapolavur tat-Trinità Mqaddsa: il-Missier geżwirHa "**fis-safa tad-dawl etern Tiegħu**"; l-Iben għamilHa bħala "**l-mera bla tebgħa Tiegħu**"; u l-Ispirtu s-Santu riedha tkun bħala "**x-xbiha ta' qdusitu**" (**ara: Sap.** 7, 26).

**L-Għadu tax-xitan:**

"**Jiena sejjer inqajjem** " qal Alla lid-demonju, fl-Eden, "mibegħda ħarxa u kontinwa bejnek u bejn il-mara; bejn in-nisel tiegħek u n-nisel tagħha. Hi tisħaqlek rasek" (**Ġenesi**: 3, 15). Din hija l-ewwel profezija ta' Alla; għamilha fl-ewwel xifer iż-żmien; hija l-aqwa profezija, għax kull profezija oħra mhix ħlief konsegwenza u kontinwazzjoni tagħha. Din il-profezija hija għal Adam u għalina l-ewwel Bxara t-Tajba, l-ewwel Vanġelu: għandha għalina messaġġ ta' ħelsien, ta' sliem, ta' ħajja; waqt li għad-demonju hija theddida ta' mewt u ta' qirda. Fiha hemm espressament imsemmijin erba' persunaġġi, tnejn kontra tnejn: il-mara flimkien ma' binha, u d-demonju flimkien ma' nislu. Din il-mara hija bla dubju ta' xejn, almenu simbolikament, ix-Xebba ta' Nazaret, u n-nisel Tagħha huwa prinċipalment Binha Ġesù Kristu. Flimkien: Marija u Ġesù joħduha mad-demonju, huma l-egħdewwa ħorox tiegħu; flimkien ukoll jirbħuh, flimkien huma r rebbieħa totali tiegħu. Għalhekk din il-profezija titlob li Marija kellha titnissel kollha kemm hi safja u sabiħa: **Immakulata**. Għaliex? Għal żewġ raġunijiet: bħala li hija l-għadu aħrax tad-demonju u bħala wkoll ir-rebbieħa totali tiegħu. Marija hija l-għadu aħrax

tad-demonju: hekk riedHa tkun Alla: "**Jiena sejjer inqajjem mibegħda kontinwa bejnek u bejn il-mara**". Marija, l-għadu kontinwu tad-demonju, hija allura l-oppost, il-kontra ta' dak li hu d-demonju. Issa, id-demonju huwa l-personifikazzjoni tal-ħażen, tad-dnub, tal-frugħa, tal-mibegħda, tal-mewt. Mela Marija, l-għadu aħrax tad-demonju hija l-personifikazzjoni tat-tjubija, tal-qdusija, tas-sbuħija, ta' l-imħabba, tal-ħajja: hija l-Immakulata!

**Ir-Rebbieħa tad-Demonju:**

Marija hija wkoll ir-rebbieħa tad-demonju: hekk ukoll riedHa tkun Alla: "**Hi tisħaqlek rasek**", widdeb Alla lix-xitan. Marija kellha tisħaq mhux denb is-serp infernali imma lil rasu, u tisħaqhielu lil din rasu mhux b'idHa, imma, kif tkanta l-knisja fl-Uffiċċju divin tal-festa ta' l-Immakulata, bir-riġel safi Tagħha: 'virginee pede'! U Marija din ir-rebħa Tagħha fuq id-demonju bdietha proprju fl-ewwel ħin tan-nisel Tagħha; għax kieku Marija din ir-rebħa Tagħha għamlitha f'xi ħinijiet oħra tal-ħajja Tagħha, kieku din ir-rebħa Tagħha fuq id-demonju ma kien ikollha xejn speċjali; kienet tkun komuni, tixbah lil ħafna rebħiet li l-qaddisin għamlu fuq id-demonju. Ma kienx hemm mument fil-ħajja ta' Marija li d-demonju kien jew seta' jkun ir-rebbieħ Tagħha, għax kieku l-profezija tal-Ġenesi (3, 15) kienet tisfa fix-xejn. Għalhekk Marija, kemm bħala l-għadu u kemm bħala r-rebbieħa tad-demonju, kellHa titnissel l-Immakulata! Hekk biss setgħet isseħħ l-ewwel u l-aqwa profezija ta' Alla.

**Il-Mimlija bil-Grazzja:**

Il-profezija tal-Ġenesi (3, 15) kellha sseħħ maż-żmien; forsi mhux Alla kien għamilha? U meta seħħet? Seħħet kif irid igħidilna San Pawl fl-Ittra tiegħu lill-Galatin: "**Iżda meta waslet il-milja taż-żminijiet, Alla bagħat 'l Ibnu, imwieled minn mara, imwieled taħt il-liġi, biex ikollna l-adozzjoni ta' wlied**" (4, 4-5). Din il-mara hija x-Xebba ta' Nazareth, għax għandHa Alla bagħat lill-arkanġlu Gabrijiel u ħabbrilHa li kellha ssir Omm dan Ibnu (**ara: Luqa** 1, 26-38). Realment f'Nazaret twettqet il-profezija tal-Ġenesi; tassew: il-ħolqien kien jitlob l-Inkarnazzjoni, id-dnub kien jitlob ir-Redenzjoni, Adam il-qadim kien jitlob lil Adam il-ġdid, u Eva t-telliefa kienet titlob lil Marija, Eva r-rebbieħa u l-imbierka! Għalhekk l-anġlu t'Alla fit-tislima tiegħu lil Marija aċċertaHa b'dan il-privileġġ singulari Tagħha, cioè, bit-tnissil Tagħha bla tebgħa, u qallHa: "**Is-sliem għalik, il-mimlija bil-grazzja, il-Mulej miegħek, imbierka inti fost in-nisa**" (Luqa 1, 28). Għal Alla u għall-anġli Tiegħu, ix-Xebba ta' Nazareth ma jisimhiex Marija, imma jisimha "**il-mimlija bil-grazzja**"! Marija kienet mimlija b'kull grazzja li kienet titlob il-missjoni materna Tagħha, dik cioè ta' Omm Alla Feddej. Għalhekk kellu jkollha dik il-grazzja, dik l-ewwel grazzja meħtieġa għal din il-missjoni singulari Tagħha; kellu jkollHa cioè dik il-grazzja li titnissel bla tebgħa ta' dnub. U meta Marija kienet il-mimlija bil-grazzja? Dejjem, għax dan huwa l-isem Tagħha, din hija l-essenza Tagħha: li tkun il-mimlija bil-grazzja. Kienet allura mimlija bil-grazzja wkoll fl-ewwel ħin tan-nisel Tagħha; u għalhekk Hija kellha titnissel kollha kemm hi safja u sabiħa: '**Tota pulchra**'.

**Il-Mulej dejjem Magħha:**

Kompla l-anġlu jsellem lil Marija u jgħidilHa: "**Il-Mulej miegħek**". Xi tfisser din l-espressjoni? Tfisser proprju t-tnissil bla tebgħa Tagħha; u r-raġuni hija din: għax fejn hemm Alla, ma jistax ikun hemm id-demonju, id-dnub, il-ħażen, bħalma fejn hemm id-dawl, ma jistax ikun hemm id-dlam, kif irid ifakkarna San Pawl fit-Tieni Ittra lill-Korintin: "**X'tisħib jista' jkun hemm bejn id-dawl u d-dlam? Liema ftehim bejn Kristu u Beljar ix-xitan**"? (6, 14-15). U Alla meta ma kienx ma' Marija? Forsi kien hemm xi mument fil-ħajja Tagħha li fih Alla ma kienx Magħha? Dejjem kien Magħha Alla, u dejjem kien Magħha proprju bil-qawwa Tiegħu, preċiżament biex tkun tista' Marija teħodha mad-demonju u tirbħu; din hija t-tifsira tat-tieni tislima ta' l-anġlu: "**Il-Mulej miegħek**". Din il-preżenza ta' Alla ma' Marija, preżenza dejjem attiva, bdiet twettaq l-attività divina tagħha ma' Marija sa mill-ewwel ħin tat-tnissil Tagħha; donnha l-anqas kellha bidu, tant hija intima r-rabta ta' Alla ma' Marija: "**Il-Mulej miegħek**"! U għalhekk Marija ma setgħetx ma titnissilx Immakulata.

Għalhekk l-anġlu ta' Alla kompla jsellmilHa lil Marija u jgħidilHa: "**Imbierka inti fost in-nisa**": hekku Eva l-ġdida! Eva l--qadima ġiet misħuta minn Alla, għax emmnet il-kliem qarrieq tad-demonju, waqt li Marija tiġi mbierka minn Alla preċiżament bħala l-għadu u bħala r-rebbieħa tad-demonju. U kieku Marija ma tnisslitx bla tebgħa ta' dnub, kieku l-anġlu seta' jsellmilHa f'isem Alla u jgħidilHa: "**Imbierka inti fost in-nisa**"? Alla ġewwa l-Eden kien semma' lid-demonju li sa joħloq mara li kellha tkun l-għadu u l-ġellieda u r-rebbieħa tiegħu. U Alla qalilna min hi din il-mara misterjuża: qalilna dan bit-tislima ta' l-anġlu lix-Xebba ta' Nazareth. Hija l-għadu tad-demonju, u ghalhekk sellmilHa u qallHa: "**Inti l-mimlija bil-grazzja**"; hija l-ġellieda tad-demonju, u ghalhekk sellmilHa u qallHa: "**Il-Mulej miegħek**"; hija r-rebbieħa tad-demonju, u ghalhekk sellmilHa u qallHa: "**Imbierka inti fost in-nisa**"!

**Fidwa Preservattiva:**

Kien hemm fost il-ghorrief kemm il-wiehed li haseb li t-tnissil bla tebgha ta' Marija kien sejjer inaqqas mill-universalità tal-fidwa li Ġesù wettaq bil-Mewt u bil-Qawmien Tieghu mill-imwiet; hafna kienu jaħsbu li l-Immakulata tmur kontra l-universalità tal-fidwa ta' Kristu: Kristu ma kienx ikun il-Feddej universali, il-Feddej ta' kulhadd, preċiżament ghax ma kienx ikun il-Feddej ta' Marija Verġni. Ghal din id-diffikultà, wieġeb, bi kliem il-Franġiskan Duns Scotu, Piju IX, il-Papa ta' l-Immakulata, u qal li l-Immakulata mhux biss ma tnaqqas xejn mill-universalità tal-Fidwa ta' Kristu, imma li l-Immakulata ssebbah u tintegra din l-universalità; Kristu, bhala l-Medjatur perfettissimu u universali, jitlob u jrid lill-Immakulata. Ghax tassew, l-Immakulata wkoll ġiet mifdija minn Kristu, anzi l-iżjed li ġiet mifdija kienet proprju Hi, l-Immakulata, bhalma Hi stess kantat ferhana fil-Magnificat: "**Ruhi tfahhar il-kobor tal-Mulej, u l-ispirtu tieghi jifrah f'Alla s-Salvatur tieghi**" (**Luqa** 1, 46-47). Ġesù ġie fid-dinja biex jifdi lil kulħadd, u fil-fatt lil kulħadd feda; għal kulħadd xerred Demmu. Lilna, però, fdiena billi ħelisna mid-dnub tan-nisel; u lil Marija Verġni fdiHa billi żammHa u begħedHa minn kull tebgħa tad-dnub; lilna refgħana mill-waqa' tagħna, dewwiena mill-ġrieħi tagħna, naddafna minn dnubietna, qajjimna mill-mewt spiritwali tagħna, libbisna bil-grazzja Tiegħu; waqt li lil Marija ma ħallihiex taqa', ma ħallihiex tindarab u tittabba', imma sa mill-ewwel ħin tan-nisel Tagħha, Huwa fawwarHa bi qdusitu, geżwirHa f'imħabbtu! Magħna Ġesù wettaq fidwa liberattiva, waqt li ma' Marija wettaq ghamla ta' fidwa oħra: fidwa preservattiva. B'hekk Ġesù wera li huwa tassew il-Medjatur perfettissimu u l-Feddej universali. Kieku ma kenitx l-Immakulata, kieku Ġesù ma min kien ihaddem il-fidwa preservattiva? U kif kien juri u jesprimi l-milja tal-fidwa Tieghu?

**L-ewwel u l-Aqwa Frott:**

Hekk kien xieraq li Marija tkun l-ewwel kreatura li tikseb il-frott tal-Fidwa li Binha Ġesù kellu jwettaq fuq il-Kalvarju. Kien ukoll xieraq li tkun Marija li tikseb l-aqwa frott minn din il-Fidwa!

Forsi mhux lil Marija Alla ghażel biex tkun Omm Ibnu, u hekk ġisimHa u demmHa jsiru l-Ġisem u d-Demm ta' Ibnu u ta' Binha, isiru bhala ostja paċifika ghall-fidwa Taghha u taghna? Bil-fidwa li Ġesù wettaq m'Ommu, Marija saret, sa mill-ewwel hin ta' nisilHa, eqdes u oghla mill-qaddisin u mill-anġli kollha flimkien! Donnu hekk lemahHa s-Salmista meta hareġ b'din l-espressjoni: "**Il-Mulej bena 'l Sijon fuq il-gholjiet imqaddsa**". **(Salm 86, 1).**

It-Tnissil bla tebgha huwa l-ewwel kewkba ta' Marija Verġni: l-Immakulata! Hija l-qawsalla li thabbeb l-art taghna mas-Sema ta' Alla; hija l-Arka li tehlisna mid-dulluvju tal-hażen; hija Bieb is-Sema; hija l-Ġenna ta' Alla: "**Hortus conclusus, fors signatus, emissiones tuae paradisus**" (**Cant.** 4, 12)!

# MILL-ĦAJJA TAS-SANTWARJU

*Miġbura minn* **DUN KARM BORG**



**AWISSU:**

**2.** Il-Fergħa Ewkaristika żammet il-laqgħa tagħha fis-Santwarju. Saret quddiesa u siegħa adorazzjoni. Ħadu sehem il-membri tal-Għaqda minn diversi parroċċi ta' Għawdex.

**4.** Sar pellegrinaġġ mill-parroċċa ta' San Pietru ta' Birżebbuġa. Qaddes għall-pellegrini Dun Mario Grech.

Fl-istess jum ukoll sar pellegrinaġġ ieħor mill-abbatini tal-Katidral. L-abbatini kienu akkumpanjati minn Mons. Arċipriet Carmelo Scicluna u minn Mons. Girgor Vella. L-abbatini ħadu sehem f'quddiesa li saret għalihom fil kappella tal Madonna minn Mons. Arċipriet.

**5.** Waslu fis-Santwarju żewġ pellegrinaġġi minn Malta: l-ewwel wieħed kien mir-Rabat u dan kien immexxi minn P. Ġużepp Camilleri OFM waqt li l-ieħor kien mill-parroċċa ta' San Bastjan, Ħal-Qormi.

**7.** Sar pellegrinaġġ mis-Santwarju ta' Santa Tereża, B'Kara. P. Alex Pace OCD mexxa l-pellegrinaġġ u qaddes għal dawk li ħadu sehem fis-Santwarju.

Illum ukoll il-Grupp tal-Vokazzjonijiet tal-Franġiskani Konventwali ġie fis-Santwarju u waqt li sellem lil Marija Omm Ġesù u Omm tagħna, talab il-protezzjoni tagħha.

**8.** Wasal fis-Santwarju pellegrinaġġ mill-parroċċa ta' Burmarrad. Saret quddiesa u talb ieħor lill-Madonna.

Fl-istess jum Mary Tonna mexxiet pellegrinaġġ ieħor mill-Ħamrun. Qaddes għall-parruċċani tal-Ħamrun Dun Mario Grech.

**12.** Ġie organizzat pellegrinaġġ mill-Belt Valletta għas-Santwarju ta' Pinu. Qaddes għall-pellegrini l-Kan. Dun Mikiel Cauchi.

**13.** L-Arċipriet Can. A. Galea mexxa pellegrinaġġ minn grupp ta' abbatini li ġew mill-Belt Valletta biex jagħmlu żjara lill-Madonna ta' Pinu. Huma ħadu sehem f'quddiesa li saret għalihom mill-istess Arċipriet.

Pellegrinaġġ ieħor li sar fl-istess jum kien immexxi minn Fr. P. Fenech u minn Fr. Louis Suban li ġabu magħhom grupp ta' tfajliet membri ta' l-Azzjoni Kattolika ta' Bormla.

Illum ukoll ġew pellegrinaġġi mill-parroċċi ta' San Ġużepp Ħaddiem ta' Birkirkara u ta' l-Imsida.

**14.** Waqt ħarġa organizzata mill-parroċċa tan-Nadur, saret żjara lis-Santwarju ta' Pinu fejn saret ukoll quddiesa mill-Arċipriet Dun Salv Muscat.

Fl-istess jum wasal fis-Santwarju pellegrinaġġ mill-parroċċa ta' San Duminku tal-Belt. Qaddes għall - pellegrini l-Kappillan ta' l-istess parroċċa.

**20.** Sar pellegrinaġġ mill-parroċċa ta' San Publiju tal-Furjana. Dan tmexxa minn Dun Pawl Camilleri.

**21.** Il-Prayer Group "Resurrexit" taż-Żurrieq immexxi mis-saċerdoti Dun Ġwann Farrugia u Dun Karm Camilleri ltaqa' fis-Santwarju Ta' Pinu fejn saret laqgħa ta' talb

f'riġlejn il-Madonna.

Fl-istess jum sar pellegrinaġġ ieħor mill-"Għaqda Ġenituri Ferħana" immexxija mill-patrijiet Kapuċċini tal-Kalkara. Din kienet waħda mill-attivitajiet reliġjużi u rikreattivi li din l-Għaqda torganizza għall-membri tagħha minn żmien għal żmien.

**23.** Il-Komunità tan-Neo Katekumenali tal-Parroċċa tan-Nativitá ta' Ruma, għamlet żjara lis-Santwarju tal-Madonna ta' Pinu. Il-pellegrini ġew imdawra mas-Santwarju minn Dun Ġorġ Frendo.

**26.** Sar pellegrinaġġ mis-Santwarju Ġużeppin ta' Ġieżu tar-Rabat, Malta. Il-pellegrinaġġ kien immexxi minn P. Ġużepp Camilleri OFM.

**27.** Ġie organizzat pellegrinaġġ mill-parroċċa ta' l-Imsida. Il-pellegrinaġġ kien immexxi minn Maria Zammit Gallo u qaddes għall-pellegrini fis - Santwarju Dun Ġużepp Mifsud.

Illum ġie wkoll organizzat pellegrinaġġ ieħor mill-parroċċa ta' San Pawl tar-Rabat, Malta. Fr. Alfred Vella mexxa dan il-pellegrinaġġ u qaddes għal dawk li ħadu sehem fis-Santwarju.

**OTTUBRU**

**1.** Ġie organizzat pellegrinaġġ mill-Komunità tal-Knisja ta' San Ġużepp Ħaddiem tal-Kapuċċini tax-Xemxija. Il-pellegrinaġġ kien immexxi mill-Gwardjan P. Philip Cutajar flimkien ma' P. Berardu Cassar.

**2.** Għamel żjara lis-Santwarju l-Grupp Kariżmatiku tan-Nisa tal-Blata l-Bajda. Il-Grupp kien akkumpanjat minn Dun Noel Grima li mexxa laqgħa ta' talb fis-Santwarju.

**4.** Fis-Santwarju saret laqgħa ta' talb mill-Prayer Group tal-parroċċa ta' Stella Maris ta' Tas-Sliema. Il-grupp kien immexxi minn Fr. Joseph Borg.

**5.** Ix-Xirka ta' l-Isem Imqaddes t'Alla tal-Mosta organizzat pellegrinaġġ għas-Santwarju ta' Pinu, fejn saret quddiesa minn Dun Anġ Camilleri.

**7.** Il-Fergħa Ewkaristika organizzat il-laqgħa tagħha ta' kull xahar fis-santwarju. Saret quddiesa u siegħa adorazzjoni.

**10.** Grupp ta' tfal mill-Isla ġew f'pellegrinaġġ għas-Santwaju tal-Madonna ta' Pinu. Qaddes għalihom Fr. F. Ellul.

**13.** Il-Moviment Ewkaristiku organizza lejla ta' talb fis-Santwarju. Fit-8.30 p.m. saret quddiesa mid - Direttur tal - Moviment Mons. Rużar Borg u wara kompla t-talb quddiem Ġesù Ewkaristija bil-parteċipazzjoni tal-membri tal-Moviment.

**16.** Is-Seminaristi ta' Malta għamlu żjara lis-Santwarju tal-Madonna ta' Pinu. Huma kienu akkumpanjati mir-Rettur Mons. Lawrenz Gatt u mir-Rev. P. Pawl Galea. Saret quddiesa fil-kappella tal-Madonna bis-sehem tas-Seminaristi.

**29.** Il-Kummissjoni Djoċesana Rġiel organizzat laqgħa għall-irġiel Għawdxin fis-Santwarju fl-okkażjoni tal-festa ta' San Mikiel Arkanġlu. Saret quddiesa u diskors mill-E.T. Mons. Isqof Nikol Ġ. Cauchi.

**NOVEMBRU:**

**1.** Waqt li kienu qed jagħmlu l-irtir tagħhom f'Għawdex, grupp ta' studenti Agostinjani għamlu pellegrinaġġ għas-Santwarju tal-Madonna ta' Pinu. Kienu akkumpanjati minn Fr. Tony Buhagiar OSA li qaddes għalihom fil-kappella tal-Madonna.

**4.** Saret laqgħa oħra tal-Fergħa Ewkaristika fis-Santwarju. Il-membri tal-Fergħa ħadu sehem f'quddiesa u siegħa adorazzjoni.

**12.** Sar il-Ftuħ tas-Sena Soċjali ta' l-Azzjoni Kattolika f'Għawdex. Il-programm kien jinkludi nofs siegħa adorazzjoni li tmexxiet mill-Asst. Ekk. Djoċesan Dun Karm Hili, diskors mill-President Djoċesan is-Sur Manwel Saliba u Konċelebrazzjoni li tmexxiet mill-Eċċ. Tiegħu Mons. Isqof Nikol Ġ. Cauchi.

# Grazzi Madonna Għax Smajtni




Switzerland.

Our Dear Lady Mary:

We visited you in Gozo, Malta, on the 9th January '86 and I prayed to You for our family and the future birth of our baby and promised you if it were a girl, we would name it MARY.

Thank you our dear Lady; our little Mary was born on Easter Saturday, 29th March '86. All I hope is that we can visit you again in the future and that you continue to look after us for ever.

**Linda, Heinz, Anna & Mary Mohl.**

Għażiż Dun Beneditt,

Jiena rċivejt l-ittra tiegħek u veru ħadt gost ħafna biha. Kemm ilha li ġiet it-tifla u ktibtilha dik l-ittra (petition), il-Madonna dritt semgħetni. Issa rġajt bgħatt oħra ma' ħabib tagħna u ma temminx kemm inħossni tajba: Alla jbierek dejjem ġejja għall-aħjar. Issa meta nimxi ma naqtax nifsi. Tikkonfondix għax iġġib ismi fuq il-ktieb; ibqa' ġib ismi dejjem għax ma ngħoddhomx il-grazzji li tagħtini. Iz-ziju Frenċ bagħatli Madonna u qalli kemm sa tkun ferħana għandek il-Madonna għax int se tixgħelilha kuljum u veru qegħda fi gwarniċ sabiħ ferm, dawwartha fis-satin blu u veru ferħana biha......

Inselli għalik ħafna.

**Marija Camilleri.**

**GĦAWDEX:**

Francis Muscat; Pawlu Muscat; Francis Pavia; Franġisk Sultana; Pawla Grech; Maria Pisani; Helen Spiteri; Carmen Xerri; Bertu Axiaq; John Calleja; Frans Muscat; Antoinette Portelli; Żarena Grima; Carmen Cauchi; Lorenza Bajada; Ġużeppa Stellini; Toni Sultana; Ġuża Azzopardi; Mary Cassar; Joseph Farrugia; Mary Debrincat; Miriam Mifsud; Denis Muscat; Ġorġina Vella; Vitorine Micallef; Sam Portelli; Rita Sultana; Pawla Sultana; Angela Mizzi; Rita Tabone; Maria Mercieca; Maria Buttigieg; Mariġwann Grima; Rita Attard; Salvu Piscopo; Esther Sultana; Tereża Theuma; Mary Vella; Maria Axiaq; Ġorġ Zammit; Rita Grech; Anna Gauci; Vitoria Mercieca; Ġużeppa Buttigieg; Antonia Xuereb; Ġuża Mifsud; Ġuża Xerri; Maria Buttigieg; Rita Cassar; Pawla Said; Marthese Attard; Joe Agius; Maria Sultana; Karmnu Portelli; Toni Galea; Ġiġa Spiteri; Judith Azzopardi; Angela Cassar; Charles Camilleri; Josette Camilleri; Giacinta Borg; Raymond Mercieca; Pietru

## MALTA

Rebekka Darmanin; John Camilleri; Antonia Calleja; Anġolina Dimech; Iris Bowman; Imelda Debrincat; Ċensa u Ġamri Mifsud; F. Cassar; Annie Agius; Mary Cini; Joseph Dimech; Susanna Bugeja; Frances Micallef; Carmen Vella; Mary Galea; Carmen Sammut; Agata Micallef; Doris Debono; M. Calleja; Lucy Farrugia; Tarċisja Azzopardi; Rita Galea; Doris Darmanin; Giovanna Bajada; Mary Grima; Sr. Domenica Mallia; John Aquilina; Ċetta Calleja; Ġovanna Gatt; Lonza Xiberras; Alfred Sultana; Anne Bourk; Maria Gauci; Loreta Xuereb; Victoria Galea; Maria Galea; Grace Galea; Agatha Camilleri; Ġuża Xiberras; Angela Agius; Frank Caruana; Maria Schembri; Rożina Cassar; Anton Camilleri; Gużeppa Portelli; Gilberto Tufigno; Josette Gonzi; Doris Buhagiar; Joe Micallef; Filippa Cassar; M'Rose Fontbrera; John Muscat; Pawla Privitera; Carmela Bonello; Esther Aquilina; Mary Aquilina; Beneditt Axisa; Ġorġ Vella; Pauline Galea; M'Anne Galea; Marlene Dalli; Margaret Camilleri, Anġlu Portelli, Bernard Bonnici; Karmena Mifsud; Doris Debrincat; Grace Borg; Doris Zammit; Joseph Seychel; Carmela Micallef; Carmen Dimech; Wistin Mallia; Enriketta Bonnici; Ġuża Debono; Katie Cutajar; Ġeralda Alfino; Monica Galea; Esther Bray; Josephine Farrugia; Lino Cuomo; Pawla Camilleri; Carmen Muscat.

## QASSISIN LI QADDSU FIS-SANTWARJU

Dun Gużepp Bajada; Kapp. Dun F. Debrincat; Patri Alfred Xerri OFM Cap; Dun Fortunat Axiaq; Dun Tarċisju Camilleri; P. Stiefnu Scicluna OSA; Arċ. Dun Salv Muscat; Dun Salv Grima; Can. Martin Portelli; Fr. Alan Scerri; Fr. Carmel Curmi; Dun Ġwann Scicluna; Fr. Gregory Grech; P. Paul Attard OFM; Dun Alwiġ Deguara; Rev. Lino Grech; Rev. Godwin Saliba; P. Prov. Ferdinando Mercieca OFM Conv; P. Gabriel Micallef OFM; Rev. George Mercieca; P. Ugolin Maria Xerri; Saċ. Victor Grech Dimech; Dun Karm Sant.

Saċ. Carmelo Cassar; Mons. Eduardo Bondì; Dun Pawl Said; Dun Karm Hili; Saċ. Ġużeppi Piscopo; Dun Mikiel Attard; Mons. Ġużepp Grech; Dun Ġużepp Bezzina; Can. Joseph Grech; Saċ. Ġwann Mercieca; Mons. Adolf Agius; Saċ. Victor Soler; Rev. Raphael Gauci; Dun Anton Sultana, Arċip.; Mons. Joseph Curmi; Dun Ġorġ Frendo; Saċ. Joseph Mercieca; Fr. John Cremona; Fr. Carmel Curmi; Fr. Carmel Borg; Arċip. Joseph Zerafa; Dun Karm Borg; Fr. Dijonisju Mintoff OFM.; Arċip. Nikola Vella; P. Saturjan Benetti OSA;

## MAGĦMUDIJIET LI SARU FIS-SANTWARJU

Robert bin Francis u Georgette née Xuereb minn Victoria; Chantelle bint Emmanuel u Tessie née Bugeja; Megan-Jane bint Victor Sultana u Grace née Azzopardi minn Michigan, U.S.A.; Mario bin Francis Mercieca u Veneranda née Fucile minn Victoria; Savio Neville bin Raymond Spiteri u Evangelista née Refalo minn Victoria.

## ŻWIĠIJIET LI SARU FIS-SANTWARJU

Romeo Galea miż-Żurrieq (Malta) u Rita Axiaq mill-Għarb; Mariano Grech u Maria Tereża Attard minn Kerċem; John Ciantar minn Ħal Għaxaq (Malta) u Josephine Saliba mix-Xewkija, Michael Portelli mill-Qala u Conċetta Zerafa min-Nadur; Mario Buttigieg min-Nadur u Violet Portelli min-Nadur; Joseph Louis Caruana mill-Għarb u Ursola Bonello mix-Xagħra; Eucharistico Refalo mix-Xagħra u Rose Axiak mix-Xewkija; Karmenu Spiteri minn Victoria (Katidral) u Angela Cassar mix-Xewkija; Francis Aquilina mill-Għasri u Nazzarena Spiteri minn Kerċem; Jorn Elvegard minn Norway u Marija Antonia Agius mill-Għarb; Ronald Whittle minn Warrington (England) u Carmela Meilak min-Nadur;

## PREŻENTAZZJONIJIET TA' TRABI LILL-MADONNA

Ryan Gauci — Mellieħa; Jeanette Cassar — Marsalforn; Anita Portelli — Victoria; Louise Cassar — Victoria; Melissa Camilleri — Nadur; Noel Spiteri — Fgura, Malta; Antonio Camenzuli — San Lawrenz; Glen Ellul — Msida; Paul Vincent Xuereb — Nadur; Deborah Borg — Munxar; Stellina Grima — Xewkija; Marco Bonnici — Rabat, Malta; Stephanie Grogan — Paola; Christine Grogan — Paola; Alison Darmanin — Żabbar; Charmanine Debrincat — Xagħra; Carmen Bonnici — Għajnsielem; Janice Xerri — Xagħra; Edwina Mercieca — Għajnsielem; Jason George Debrincat — Kerċem; Adrian Cassar — Victoria; Maria Cassar — Victoria; Annabelle Tabone — Xagħra; Monica Sultana — Munxar; Alexia Gatt — B'Kara; Mario Muscat — Xagħra; Alison Mifsud — Żebbuġ, Malta; Sarah Casolani — St. Julian's; Annabelle Pace — Xewkija; Marilliana Pace — Xewkija; Rene Antoine Cilia — Qormi; Matthew Mallia — Fgura, Malta; Pauline Cardona — Nadur.



# L-1986: SENA TAL-PAĊI

*Sehem*

## Is-Santwarju Ta' Pinu

*għall-kawża tal-*

## Paċi



*Għin lis-*

# SANTWARJU TA' PINU

*biex jibqa' għal dejjem*

# OASI TAL-PAĊI

*fil-Ġżejjer Tagħna*

***"Għeżież uliedi, agħmlu minn kollox, mela, biex is-Santwarji tal-Madonna afdati f'idejkom, isiru dejjem aktar postijiet fejn isir talb għall-paċi, għall-għaqda, għall-hena tal-bnedmin kollha u, fuq kollox, biex dawn jilqgħu l-Kelma t'Alla u jwettquha matul ħajjithom kollha; postijiet ukoll li kull min iżurhom jiltaq minnhom imħeġġeġ bid-deċiżjoni li jaħdem bil-qawwa tiegħu kollha għall-paċi tad-dinja u għall-għaqda tal-Knisja."***

*(Mill-Ittra tal-Papa Pawlu VI lir-Retturi tas-Santwarji Marjani fl-1 ta' Mejju, 1971).*

# INT UKOLL TISTA' TGĦIN LIS-SANTWARJU TA' PINU BIEX JILĦAQ DAN L-ISKOP QADDIS BILLI:

- **Torganizza Pellegrinaġġi għas-Santwarju Ta' Pinu;**
- **Ixxerred u ssib abbonati ġodda għar-Rivista "Madonna Ta' Pinu";**
- **Torganizza rtiri u laqgħat ta' talb fis-Santwarju Ta' Pinu;**
- **Issir membru tal-"Pia Unjoni Madonna Ta' Pinu";**
- **Tieħu sehem fil-"Prayer Group Madonna Ta' Pinu".**



IS-SANTWARJU TA' PINU MIBNI WARA LI L-MADONNA KELLMET LIL KARMNI GRIMA.

*"Il-Verġni Marija li mit-tħabbira tal-Anġlu laqgħet f'qalbha u f'ġisimha l-Verb t'Alla u ġabet il-ħajja lid-dinja, hu magħrufa u unurata bħala vera omm ta' Alla u tar-Redentur. Hi stess meħlusa b'mod sublimi, in vista tal-merti ta' Binha u Miegħu marbuta minn rabta iebsa li ma tinħallx, hi mgħonija b'uffiċċju l-aktar għoli u bid-dinjità ta' Omm tal-Iben t'Alla, u għalhekk bint maħbuba tal-Missier u tempju tal-Ispirtu s-Santu: u li minħabba dan id-don tal-grazzja l-aktar għolja tisboq b'mod kbir lill-kreaturi l-oħra kollha fis-sema u fl-art. Hi madankollu marbuta flimkien mar-razza ta' Adam mal-bnedmin kollha fi ħtieġa tal-fidwa, anzi hi "tassew omm tal-membri (ta' Kristu) ...għaliex ikkooperat bl-imħabba għat-twelid tal-fidili tal-Knisja, li ta' dak ir-Ras huma membri". Għal dan hi magħrufa wkoll bħala l-membru singulari u ewlenija tal-Knisja u figura tagħha u mudell l-aktar perfett ta' fidi u ta' karità, u l-Knisja Kattolika, mgħallma mill-Ispirtu s-Santu bl-imħabba ta' pietà ta' bint tiveneraha bħala Omm l-aktar maħbuba".*

*(Mill-Kostituzzjoni Dommatika "Lumen Gentium")*